# DAW… FR…SKAN

LEĦEN
IL-KAPUĊĊINI MALTIN



DIĊEMBRU 2000 • L-GĦOXRIN SENA • GĦADD 205 • NEWSPAPER POST






**Ħajr Mulej** 1
*minn Fr. Joe Alessandro OFM Cap*

**Mill-bidu tal-Ħajja Reliġjuża għall-milja tas-Saċerozju** 2
*minn Fr. Martin MIcallef OFM Cap*

**It-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Malindi** 6

**Il-Kapuċċini Maltin fil-qadi tal-Knisja ġewwa l-Kenja** 8
*minn Fr. Silvester Bonavia OFM Cap*

10. Evanġelizzazzjoni bikrija f'Malindi
12. Wema, Garsen, Mao u Tarasaa
14. Il-Gżira ta' Lamu u Mpeketoni
15. Fr. Francis Baldacchino f'Lamu
16. L-Edukazzjoni sservi biex isseħħ l-evanġelizzazzjoni
17. Mpeketoni
18. Żvilupi fi Mpeketoni
20. Imsoqqija bid-demm
21. Formazzjoni tal-Lajċi
22. Kappillan f'Ruiru
24. Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof ta' Garissa
25. Superjur Regolari tal-Kapuċċini fil-Kenja
26. Dar tal-Formazzjoni f'Langata
28. Studju Islamiċi għal Evanġelizzazzjoni aħjar
29. Esperjenza ġdida f'Kuba

**Il-Konsagrazzjoni ta' Mons. Francis Baldacchino f'Malindi** 30

**Mons. Francis Baldacchino f'Malta** 34

**Messaġġi** 39

**Il-Linja Episkopali ta' Mons. Francis Baldacchino** 44



# DAWL FRANĠISKAN

**DIĊEMBRU 2000**
**L-20 sena**
**Għadd 205**




**Qoxra 1:**
*L-Ewwel Isqof ta' Malindi*
*Mons. Francis Baldacchino*


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**TYPESETTING & DESIGN:**
IMAGE 2000 LTD., FGURA
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# Ħajr Mulej!

*minn P. Joe Alessandro OFMCap.*



Fuq l-għatba tal-millenju l-ġdid l-istorja tal-ħidma missjunarja fil-Provinċja tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin fetħet kapitlu ġdid. Meta kważi sebgħa u għoxrin sena ilu, l-ewwel grupp ta' Aħwa Kapuċċini telaq minn Malta lejn art ġdida fil-Kenja, ħadd qatt ma basar li l-Mulej kellu fil-pjan tiegħu li ser iwettaq ħwejjeġ kbar bis-sehem limitat tal-missjunarji Maltin li taw snin minn ħajjithom u ħaddmu t-talenti tagħhom biex tinbena l-Knisja f'dan il-pajjiż Afrikan.

Wara għaxar snin ta' ħidma ta' ħutna l-missjunarji, il-Prefettura Appostolika ta' Garissa, taħt it-tmexxija ta' Monsinjur Leo White, Kapuċċin missjunarju Malti, nhar il-25 ta' Marzu 1984, ġiet ipproklamata bħala Djoċesi ta' Garissa b'wieħed mill-missjunarji Kapuċċini Maltin, Monsinjur Pawlu Darmanin, bħala l-ewwel Isqof tagħha. Din kienet ġrajja importanti ħafna kemm għall-Knisja lokali tal-Kenja kif ukoll għall-Provinċja tagħna l-Franġiskani Kapuċċini Maltin, u wisq iżjed għall-istess missjunarji li kienu qed iwettqu ħidma missjunarja b'risq in-nies li magħhom kienu jgħixu u jaħdmu.

Taħt it-tmexxija għaqlija ta' Monsinjur Pawlu Darmanin, id-Djoċesi ta' Garissa kompliet tikber u tiżviluppa għal dawn l-aħħar sbatax-il sena. Minkejja l-progress li sar, il-problema tal-kobor tat-territorju u d-distanzi kbar minn stazzjon għal ieħor, baqgħet realtà li tillimita ħafna l-ħidma ta' Monsinjur Pawlu Darmanin. Soluzzjoni għal din il-problema kienet li d-djoċesi tinqasam fi tnejn biex b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar il-ħtiġijiet pastorali tan-nies u l-kordinament bejn il-missjunarji.

Din is-soluzzjoni saret realtà meta, fit-2 ta' Settembru 2000, il-parti ta' isfel tad-Djoċesi ta' Garissa nqatgħet għaliha u, b'żieda ta' parti mid-Djoċesi ta' Mombasa, inħolqot id-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi bl-ewwel isqof tagħha Monsinjur Francis Baldacchino, wieħed mill-ewwel missjunarji Kapuċċini Maltin li marru l-Kenja. Monsinjur Baldacchino, matul is-sebgħa u għoxrin sena ta' ħidma missjunarja, ta sehem kbir fil-bini tal-Knisja lokali fuq diversi livelli: pastorali, edukattiv u soċjali.

Bħala apprezzament tal-ħidma li wettqu ħutna l-missjunarji Kapuċċini Maltin, u bħala tifkira tal-ħatra ta' Monsinjur Francis Baldacchino bħala l-ewwel isqof tad-djoċesi l-ġdida ta' Malindi fil-Kenja, il-Bord Editorjali ta' din ir-rivista DAWL FRANĠISKAN jixtieq jiddedika din il-ħarġa speċjali.

Fl-istess waqt il-Bord Editorjali jirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex din il-pubblikazzjoni setgħet issir; fosthom lil Fr. Silvester Bonavia, missjunarju Kapuċċin fit-Tanzanija, li kiteb l-*iscript* b'tant dedikazzjoni u preċiżjoni u lil Bro. Ivan Scicluna u Mr Joe Sammut li qalbuh mill-Ingliż; lil Fr. Hilary Abela, missjunarju Kapuċċin li tana ħafna tagħrif dwar il-ħidma ta' Monsinjur Baldacchino peress li għaddew ħafna snin flimkien f'xogħol pastorali; lil Fr. Martin għall-ġabra ta' tagħrif fuq ħajjet Mons. Baldacchino; lil Frs. Emanuel Bonavia, Francis Azzopardi u Leonard Falzon li offrew ritratti għad-dispożizzjoni tagħna, lil Fr. Raniero Zammit li qaleb il-messaġġi għall-Malti, lis-Sur Robbie Mamo tal-*prove reading*, lil IMAGE 2000 Ltd u lill-PEG Ltd tal-preżentazzjoni u l-istampar, u lil tant oħrajn li taw is-sehem tagħhom.

Jalla nkomplu nwieġbu għas-sejħa missjunarja ħalli l-Mulej jissokta jwettaq dak li beda sebgħa u għoxrin sena ilu f'dan it-territorju tal-Kenja b'risq uliedu u ħutna l-Kenjani.

Ħajr Mulej ta' dak li għamilt u għadek tagħmel mal-missjunarji tagħna!

***Fr Joe Alessandro OFM Cap.***
***Segretarju Missjoni Kapuċċini***

# Mill-bidu tal-Ħajja Reliġjuża għall-milja tas-Saċerdozju



*minn*
***P. Martin Micallef OFMCap.***

***P. Frans Baldacchino, Kapuċċin Malti, ġie magħżul bħala l-ewwel isqof tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi, fil-Kenja, nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju 2000, u ġie kkonsagrat isqof nhar is-Sibt, 2 ta' Settembru 2000 ġewwa l-belt ta' Malindi, fil-Kenja.***



Francis Baldacchino twieled il-Marsa fis-6 ta' Lulju 1936 u ġie mgħammed fil-parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Marsa, fil-Kulleġġ ta' Santu Wistin il-Belt Valletta u fl-Iskola Serafika tal-Furjana li kienet immexxija mill-Aħwa Kapuċċini Maltin.

Fl-20 ta' Settembru 1953, huwa ngħaqad ma' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin fejn beda



n-Novizzjat fil-kunvent tar-Rabat, Għawdex. Sena wara, fis-26 ta' Settembru 1954, huwa għamel l-ewwel Professjoni tiegħu bħala Reliġjuż. Tliet snin wara, fid-29 ta' Settembru 1957, huwa pprofessa b'mod perpetwu fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin.

Fit-18 ta' Marzu 1961, Fr. Francis ġie ordnat Saċerdot, u mill-ewwel intbagħat Ruma biex ikompli l-istudji tiegħu. Fl-1963 huwa ġab Liċenzjat fit-Teoloġija Dommatika mill-*Pontificia Universitas Gregoriana*, f'Ruma, u fl-1965 ġab Liċenzjat ieħor fl-Iskrittura Mqaddsa mill-*Pontificium Institutum Biblicum*, f'Ruma wkoll. Id-Dottorat fit-Teoloġija Biblika ġiebu fl-1967 mill-*Institutum Biblicum Francescanum*, ġewwa Ġerusalemm.

Wara dawn is-seba' snin ta' studju, Fr. Francis irritorna lura Malta fejn kien iservi fil-knisja ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli, ir-Raħal Ġdid, għallem fl-Iskola Serafika u l-Iskrittura fl-INSERM, u għen fit-traduzzjoni tal-Bibbja għall-Malti. Huwa kien Direttur u Prefett ta' l-Istudji għall-Istudenti Kapuċċini.

Fl-1971 huwa wettaq il-ministeru pastorali tiegħu bħala Viċi-Kappillan fil-parroċċa tat-Trinità





***Mument waqt l-ewwel quddiesa solenni tiegħu.***

Mqaddsa, il-Marsa. Erba' snin wara, fil-5 ta' Jannar 1974, Fr. Francis kien fost l-ewwel grupp ta' missjunarji Kapuċċini Maltin li telqu biex jibdew il-missjoni l-ġdida fil-Kenja, fl-Afrika.

Fr. Francis mal-ewwel intefa' b'ruħu u ġismu għal dan ix-xogħol. Huwa kien *Headmaster* u għalliem ta' skola sekondarja fuq il-gżira ta' Lamu

*Fuq: Fr.Francis qed jiġi ordnat saċerdot.*

*Isfel u lemin: Omm Fr. Francis titqarben u tbuslu idjeh fl-ewwel quddiesa solenni tiegħu*

*Fil-paġna ta' qabel, fuq: Br. Francis jagħmel il-Professjoni Temporanja.*

*Fil-paġna ta' qabel, isfel: Waqt il-Professjoni Perpetwa tiegħu.*









*Waqt l-istudji bibliċi f'Ġerusalemm ma' sħabu u ma xi Professuri.*

*Xellug: Fr. Francis bil-kostum Palestinjan*

*Isfel: Fr. Francis flimkien ma' l-istudenti Kapuċċini meta kien responsabbli mill-formazzjoni tagħhom.*

(1974-1976). Ħadem fil-parroċċa ta' Mpeketoni (1977-1979) u f'dik ta' Ruiru qrib Nairobi (1980). Ġie magħżul Superjur Regulari tal-missjunarji Maltin fil-Kenja (1984-1990). Kien f'dan iż-żmien li Fr. Francis ġie maħtur Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa biex jgħin lill-Isqof Kapuċċin Malti, Mons. Pawlu Darmanin.

Bejn l-1990 u l-1991 Fr. Francis ġedded l-istudji tiegħu f'sena Sabbatika ġewwa Ruma fejn ġab Diploma fl-Istudji Iżlamiċi u fil-lingwa



Għarbija mill-*Pontificio Instituto di Studi Arabi e Islamistica*. Dan l-istudju għen ħafna lil Fr.Francis meta huwa rritorna lura fil-Kenja fejn mal-ewwel beda joħroġ rivIżta ġdida bl-isem ta' *Come Closer* bil-għan li jressaq lill-Insara u lill-Musulmani aktar qrib xulxin.

Fit-23 ta' Novembru 1998, Fr. Francis irċieva l-Ubbidjenza mingħand il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini biex imur jaħdem fil-Missjoni ta' Kuba, missjoni ġdida għall-Kapuċċini Maltin fejn fiha kellhom jingħaqdu mal-Kapuċċini Spanjoli.

Wara perjodu qasir fi Spanja, fejn tgħallem il-lingwa Spanjola, Fr. Francis mar f'Kuba fejn dam għal aktar minn sena jaħdem fost l-insara ta' dan il-post.

Fil-bidu ta' din is-sena, Fr. Francis irritorna lura fil-Viċi-Provinċja tal-Kenja biex ingħaqad fil-ħidma tal-Missjunarji Maltin li qed jaħdmu hemmhekk ma' diversi Aħwa Kapuċċini oħra tal-post li trawmu ma' dawn l-istess Aħwa.

Kien hawnhekk li Fr. Francis Baldacchino ġie magħżul bħala l-ewwel Isqof tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi. Hekk issa d-Djoċesi kbira ta' Garissa, li kien qed imexxi Mons. Pawlu Darmanin, isqof Kapuċċin Malti ieħor, inqasmet fi tnejn. Il-parti ta' fuq baqgħet bl-isem ta' Djoċesi ta' Garissa, b'Mons. Darmanin l-isqof tagħha, u l-parti t'isfel, flimkien mat-territorju ta' Malindi, li ħadet l-isem ta' Djoċesi ta' Malindi, b'Mons. Baldacchino bħala l-ewwel isqof tagħha. ❑

*Fr. Francis meta kien Superjur Regulari tal-Kustodja tal-Kenja żar lill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II. Flimkien miegħu kien hemm Mons. Pawlu Darmanin, Patri Emanuel Barbara, Ministru Provinċjali, u P Silvestru Bonavia.*






# It-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Malindi

Il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II waqqaf id-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi, magħmula mid-Distrett kollu ta' Malindi, meħud mill-Arċidjoċesi ta' Mombasa, innofs tan-naħa ta' Isfel tad-Distrett tax-Xmara Tana u d-Distrett kollu ta' Lamu, meħud mid-Djoċesi ta' Garissa.

Is-sede tad-Djoċesi hija fil-belt ta' Malindi. Din id-Djoċesi ġdida hija magħmulha minn seba' parroċċi: Malindi, Marafa, Tarasaa, Wema, Witu, Mpeketoni u Lamu.

Bħala l-ewwel Isqof ta' din id-Djoċesi l-ġdida, il-Qdusija Tiegħu ħatar lil Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. Din it-tħabbira saret pubblika fl-24 ta' Ġunju, 2000, fis-1.00 p.m., ħin tal-Kenja.

**JOANNES PAULUS EPISCOPUS Servus Servorum Dei**

**ad perpetuam rei memoriam.** Ad provehendam aeternam salutem atque facilius et efficacius consulendum regimini Christifidelium Keniae intra fines dioecesis Garissaënsis et archidioecesis Mombasaënsis commorantium, petitum est nuper ut ibidem nova constitueretur dioecesis. Quoniam vero Venerabiles Fratres Nostri S.R.E. Cardinales atque Praesules, qui Congregationi pro Gentium Evangelizatione sunt praepositi, omnibus mature perpensis habitoque pariter faventi voto Venerabilis Fratris Joannis Tonucci, Archiepiscopi titulo Torcellani atque in memorata Natione Apostolici Nuntii, admotam postulationem censuerunt esse accipiendam, Nos, Qui gravissimo gerimus officium supremi Pastoris universae catholicae Ecclesiae, talem sententiam ratam habentes, summa Apostolica potestate haec decernimus. A Garissaënsi dioecesi separamus territorium districtuum civilium, qui patrio sermone nuncupantur Lamu et Lower Tana River; a Mombasaënsi autem archidioecesi seiungimus territorium districtus civilis Malindi; ex iisque novam condimus dioecesim **Malindiensem**, quam metropolitanae Sedi Mombasaënsi suffraganeam facimus atque iurisdictioni Congregationis pro Gentium Evangelizatione subicimus, cuius limites iidem erunt ac illi qui supra sunt definiti. Praeterea iubemus Episcopi sedem poni in urbe Malindi atque templum ibidem exstans, Deo in honorem sancti Antonii dicatum, ad dignitatem cathedralis ecclesiae evehimus; cetera secundum canonicas leges temperentur. Quae praescripsimus perducet ad exitum Venerabilis Frater Joannes Tonucci, quem diximus, quique, re acta, curabit documenta exaranda sincerisque exemplis ad Congregationem pro Gentium Evangelizatione mittenda. Hanc denique pro Gentium Evangelizatione mittenda. Hanc denique Constitutionem Apostolicam nunc et in posterum ratam esse volumus, contrariis quibuslibet rebus non obstantibus. Datum Romae, apud S. Petrum, die altero mensis Iunii, anno Magni Iubilaei bis millesimo, Pontificatus Nostri vicesimo secundo.

Angelus Card. Sodano
Secretarius Status

Josephus Card. Tomko
Congregationis pro Evangelizatione Gentium Praefectus

Leonardus Erriquenz, Protonot. Apost.

Tarsicius Nardi, Proton. Apost. s.n.

**STATISTIKA:**

- Territorju: 33,254 kilometri kwadrati
- Popolazzjoni: 539,000
- Kattoliċi: 40,000
- Isqof: Mons. Francis Baldacchino OFM Cap.
  P.O. Box 1573
  Malindi - KENJA
  Tel. 0123-31122
  E-Mail: mldbishop@africaonlinecom.ke
- Saċerdoti Djoċesani:
  3 Kenjani
  7 missjunarji:
  (1 Belġjan, 3 Spanjoli u 3 Gwatemaljani)
- Saċerdoti Relliġjużi: 7 (4 Kapuċċini u 3 *MillHill*)
- Brothers Reliġjużi: 3 (1 Kapuċċin u 2 *Mill Hill*)
- Sorijiet: 11 (8 Ulied il-Qalb ta' Ġesù u
  2 *Sisters of St. Joseph*)
- Missjunarji Lajċi:
  3 Maltin tas-Soċjetà tal-Museum.



JOANNES PAULUS EPISCOPUS SERVUS SERVORUM DEI

dilecto filio Francisco Baldacchino, sodali Ordinis Fratrum Minorum Capuccinorum atque hactenus Vicario Generali Ecclesiae Garissaënsis, electo Episcopo novae dioecesis Malindiensis, salutem et Apostolicam Benedictionem. Cum sit providendum Malindiensi dioecesi, hoc ipso die per Nostram Constitutionem - Ad provehendam - in Kenia conditae atque metropolitanae Sedi Mombasaënsi suffraganeae effectae, tu, dilecte Fili, egregiis dotibus ornatus sacrarumque rerum simul peritus, videris idoneus ad illam regendam. Audita igitur sententia Venerabilium Fratrum Nostrorum S.R.E. Cardinalium atque Praesulum, qui Congregationi pro Gentium Evangelizatione sunt praepositi, summa, qua fungimur, potestate te Malindiensem Episcopum nominamus, cunctis tributis iuribus et obligationibus. Permittimus ut ordinationem a quolibet catholico Episcopo extra urbem Romam accipias, liturgicis servatis legibus. Antea autem catholicae fidei professionem facies atque ius iurandum nuncupabis fidelitatis erga Nos et Nostros Successores, teste quovis Episcopo rectae fidei, formulasque adhibitas ad Congregationem, quam diximus, mittes. Mandamus praeterea ut hae Litterae in notitiam veniant cleri populique tui; quos hortamur ut te laeti accipiant tecumque coniuncti maneant. Tibi denique, dilecte Fili, deprecante Virgine Maria, superna poscimus dona, quibus adiutus Malindienses fideles ita pascas ut iidem studeant cotidie exsequi divinum caritatis praeceptum, quo -vivida veluti summa totius doctrinae christianae et Ecclesiae universae comprehenditur- Joannes XXIII; AAS 52, 1960, p.292. Gratia et pax Dei sit semper tecum et cum catholica communitate istius novae dioecesis Nobis sane carissimae. Datum Romae, apud S. Petrum, die altero mensis Junii, anno Magni Jubilaei bis millesimo, Pontificatus Nostri vicesimo secundo.

Joannes Paulus II pp.

Marcellus Rossetti, protonot. apost.



# Il-Kapuċċini Maltin fil-qadi tal-Knisja ġewwa l-Kenja

*minn*
*P. Silvestru Bonavia OMCap.*

***L-annali tal-Missjonijiet Kapuċċini Maltin qed iżidu paġna glorjuża oħra ma' l-istorja twila tagħhom li tinfirex fuq medda ta' sekli. Minkejja t-tlugħ u l-inżul, iż-żminijiet iebsa u ċ-ċirkustanżi diffiċli li l-missjunarji kellhom jaffrontaw, il-Provinċja Kapuċċina Maltija kienet strumentali biex titwaqqaf Djoċesi ġdida oħra fl-inħawi tax-xatt tan-Nofs Inhar tal-Kenja, fl-Afrika tal-Lvant. Fl-istess waqt, wieħed mill-Kapuċċini Missjunarji Maltin inħatar bħala l-Isqof il-ġdid ta' din id-Djoċesi l-ġdida. Id-Djoċesi hi dik ta' Malindi u r-ragħaj ġdid tagħha huwa l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Francis Baldacchino OFM Cap.***

Il-Kapuċċini Maltin, u speċjalment dawk il-missjunarji li offrew xi snin minn ħajjithom, flimkien ma' reliġjużi oħra, sekulari, benefatturi u ħbieb, għandhom jinfexxu f'radd il-ħajr lil Alla għal kulma għamel fil-Kenja. Il-viżjoni wiesgħa li kellha l-Knisja, li toħloq Djoċesi ġdida f'dik iż-żona tal-Kenja, issa inkarnat ruħha tabilħaqq. U mhux biss Djoċesi waħda, imma tnejn. Il-Provinċja Kapuċċina Maltija, li dejjem baqgħet fidila għall-vokazzjoni missjunarja tagħha, kienet l-istrument wara dan is-



**P. SILVESTRU BONAVIA**, l-awtur ta' din il-kitba, daħal mal-Franġiskani Kapuċċini fl-1954, ġie ordnat saċerdot fl-1963. Iggradwa fl-Istorja mill-Università ta' Malta. Ħadom fl-Arkivji tal-Missjoni fil-Kurja Ġenerali ta' Ruma, u ggradwa fl-Ispiritwalità Franġiskana mill-Università Pontifiċja *Antonianum* f'Ruma fl-1985. Minn dak iż-żmien 'l hawn huwa ħadem bħala missjunarju f'Garissa, il-Kenja, u f'Songea, fit-Tanzanija fejn għadu hemm sallum.

suċċess kbir li nkiseb. Huwa minnu li għadna fil-bidu ta' proċess twil u x'aktarx diffiċli biex il-Knisja lokali tistabilixxi ruħha, iżda nistgħu ngħidu li l-pedamenti sodi diġà tqiegħdu.

Infatti, fid-9 ta' Diċembru 1977, dik il-missjoni mifruxa li kienet tiġbor fiha l-Provinċja ta' bejn it-Tramuntana u Lvant u parti mir-reġjun tan-Nofsinhar waqgħet taħt il-ħarsien appostoliku ta' Mons. Leo White, *(ritratt isfel)* wieħed mill-missjunarji pijunieri.



Qabel din id-deċiżjoni, sa mill-1974, ġie diskuss jekk ma' dan ir-reġjun wieħed kellux jinkludi l-parroċċa ta' Malindi wkoll. Imma ma kienx hemm qbil dwar dan. Setgħet isservi bħala bidu tajjeb biex tintlaħaq ukoll Mombasa, kif ukoll bħala lok ta' mistrieħ għall-miss-junarji kollha li kienu jkunu jivvjaġġaw 'l isfel minn toroq diffiċli ħafna u kultant ineżistenti. Ta' min jgħid li kien minn dan ir-reġjun li kien jinkiseb kull xorta ta' ikel, ir-riżorsi għall-bini u bżonnijiet oħra indispensabbli, speċjalment jekk id-distrett ta' Lamu kellu jiġi żviluppat iżjed.

Sittax-il sena u nofs ilu, preċiżament fit-3 ta' Frar 1984, dan l-istess reġjun appostoliku bl-istess fruntieri li kellu, sar Djoċesi.

Patri Pawlu Darmanin, li kien Provinċjal tal-Kapuċċini Maltin f'Malta għal sitt snin (1974-1980) u li mbagħad ingħaqad mal-missjunarji ġewwa Garissa, inħatar l-ewwel Isqof ta' din id-Djoċesi.

Issa, qegħdin naraw żvilupp ieħor. Fl-24 ta' Ġunju 2000, tħabbar li l-Papa Ġwanni Pawlu II iddeċieda li kien wasal iż-żmien li tinħoloq Djoċesi oħra f'dik il-medda ta' art wiesgħa; id-distrett ta' Malindi ngħaqad mad-Djoċesi l-ġdida li bdiet tissejjaħ id-Djoċesi ta' Malindi. Hekk, l-isem Malindi reġa' ħareġ fil-beraħ; u Patri Kapuċċin ieħor mill-Provinċja Kapuċċina Maltija nħatar biex imexxi d-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi. Dan hu Patri Francis Baldacchino OFM Cap., li twieled ġewwa l-Marsa, f'Malta, fis-6 ta' Lulju 1936, u li ilu jaħdem bħala missjunarju f'dik l-art għal aktar minn sitta u għoxrin sena. Huwa bniedem bi spirtu missjunarju ġenwin, pijunier bieżel, teologu għaref u mgħallem li kiseb id-dottorat fl-Iskrittura u fl-istudji Iżlamiċi, lingwista u fuq kollox bniedem b'viżjoni.

Hekk, id-Djoċesi l-ġdida tiġbor fiha d-distretti ċivili ta' Malindi, Lamu u parti mid-Distrett tax-Xmara Tana. Malindi kienet tappartjeni lill-Arċidjoċesi ta' Mombasa li kienet immexxija mill-Arċisqof John Njenga, filwaqt li l-bqija tat-territorju tad-Djoċesi l-ġdida kien jagħmel parti mid-Djoċesi ta' Garissa, immexxija mill-Isqof Pawlu Darmanin OFM Cap.







*Fuq: Il-Kattidral ta' Malindi.*
*Isfel xellug: Il-Kattidral ta' Garissa; Lemin: Il-Kattidral ta' Mombasa.*

# Evanġelizzazzjoni bikrija f'Malindi

Malindi kienet il-post ta' evanġelizzazzjoni bikrija ħafna fis-16 u s-17-il seklu; nistgħu ngħidu l-ewlenija fil-Kontinent Afrikan. Il-belt tax-xatt ta' Malindi rat lil Vasco da Gama fuq ix-xtut tagħha fl-1498; dan kien akkumpanjat minn xi missjunarji Kattoliċi li matul il-waqfa qasira tagħhom f'dik l-art, ħolqu xi kuntatti man-nies tal-post; imma dan ix-xogħol ma tkompliex u l-effett tiegħu malajr spiċċa fix-xejn.

Xi snin wara, l-istess xatt ta' Malindi tbierek minn San Franġisk Saverju. Fl-1542, fi triqtu lejn l-Indja u lejn il-Lvant Imbiegħed, il-missjunarju qaddis tela' x-xatt biex jidfen żewġ suldati li kienu qed jakkumpanjawh u li mietu matul il-vjaġġ. Mingħajr dubju, l-ispirtu missjunarju qawwi ta' dan l-Appostlu kbir qanqlu biex jagħmel xi ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Il-kappella fiċ-ċimiterju żgħir ta' Malindi tfakkar din il-ġrajja u hija xhieda ħajja tal-preżenza bikrija tal-Kristjaniżmu f'dawn l-inħawi. Dan, x'aktarx, huwa l-iżjed santwarju qaddis li jeħtieġ ikun imħares mill-Isqof il-ġdid.



Il-parroċċa ta' Malindi kienet stabbilita fl-1952 meta kienet tiddependi mill-Arċi-djoċesi ta' Nairobi. Meta d-Djoċesi ta' Mombasa, li oriġinarjament ġiet evan-



ġelizzata mill-missjunarji Irlandiżi, il-*Holy Ghost Fathers*, ġiet stabbilita fl-1955, Malindi kienet waħda mill-oqsma importanti tagħha għall-evanġelizzazzjoni. Il-post ġibed fuqu żviluppi kbar; il-popolazzjoni żdiedet u mingħajr dubju l-Kristjaniżmu, imdawwar minn ambjent Musulman, isaħħaħ jum wara jum. Il-parroċċa, iktar tard, għaddiet f'idejn il-qassisin djoċesani ta' Mombasa li għadhom hemmhekk sa llum, jaqdu lill-poplu. Hemm ukoll komunità ta' sorijiet, *Sisters of St. Joseph*, li hija waħda mill-kongregazzjonijiet Afrikani ewlenin ta' reliġjużi nisa, li twaqqfet fl-1929.



***Lemin:** Mons. Francis Baldacchino, lejlet il-Konsagrazzjoni tiegħu, żar il-Kappella ta' San Franġisk Saverju u ħalla l-firma tiegħu fil-ktieb tal-viżitaturi.*

***Isfel:** Il-Mafkar bis-salib fuqu, tifkira ta' meta Vasco da Gama niżel fuq ix-xatt ta' Malindi fil-1498.*



# Wema, Garsen, Mao u Tarasaa





*Fuq: Fr. Joe Gauci ma' l-insara quddiem il-knisja l-qadima ta' Wema.*

*Lemin: Fr. Spiro Galea fil-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' Wema.*

*Isfel: Fr. Joe Galea f'nofs il-komunità ta' Moa.*

F l-istess żmien, jiġifieri fis-snin tan-nofs tas-seklu għoxrin, il-missjunarji Irlandiżi tal-*Holy Ghost* reġgħu kkunsidraw l-oqsma ewlenija ta' evanġelizzazzjoni li kellhom oriġinarjament. Fis-snin bikrija tas-seklu għoxrin huma għamlu sforzi akbar biex jiżviluppaw missjonijiet oħra fl-Afrika tal-Punent, li ġew fdati lis-Soċjetà tagħhom, l-iktar fin-Niġerja fejn għaxriet ta' eluf kienu jikkonvertu għall-Kristjaniżmu ta' kull sena. Iżda fil-ħamsinijiet tas-seklu għoxrin, il-missjunarji tal-*Holy Ghost* saħħew l-ħidma appostolika tagħhom f'Mombasa u bdew jiżviluppaw artijiet imbiegħda li kienu jiddependu minnha. Xi wħud mill-missjunarji pijunieri li kienu jgħammru f'Mombasa, fosthom Fr. Lyons, li kelli x-xorti u l-unur niltaqa' miegħu diversi drabi u nintervistah dwar dan iż-żmien bikri ta' evanġelizzazzjoni, organizzaw spedizzjonijiet missjunarji 'l fuq mix-xmara Tana. Bil-għajnuna ta' xi katekisti, li wħud minnhom kellhom biss formazzjoni preliminari, il-missjunarji tal-*Holy Ghost* bdew jevanġelizzaw id-Distrett tax-Xmara Tana. Huma bnew stazzjonijiet xierqa tal-missjoni ġo Wema u f'Hola, mingħajr ma abbandunaw Garissa.

Wema, li tinsab fil-fruntiera ta' fuq tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi, bdiet tkun evanġelizzata wkoll mill-missjunarji tal-*Holy Ghost*, kważi fl-istess żmien li fih l-istess missjunarji bdew jevanġelizzaw il-parroċċa ta' Malindi. Permezz tal-ħidma iebsa u t-tħabrik ta' Fr. Nugent, Fr. Peter O'Toole u Fr. G. Foley, Wema saret ċentru ta' proġetti ta' żvilupp u ta' skemi ta' irrigazzjoni għall-benefiċċju kbir tan-nies lokali (it-tribù Pokomo). F'Marzu tal-1974, Fr. Theodosius Meli, l-ewwel Kapuċċin Malti li mar Wema, ingħaqad fil-ħidma ta' Fr. O'Toole u baqa' hemmhekk għal iktar minn sena. Huwa ħadem ħafna f'ċirkustanzi tassew diffiċli, speċjalment meta l-missjoni waqfet kompletament minħabba l-ilmijiet tax-xmara Tana li kienu qegħdin ifuru. Iktar tard, Fr. Spiro Galea wasal f'Wema u bil-għajnuna tas-sorijiet *Franciscan Missionaries of Mary*, li kienu ġew mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, firex l-attività missjunarja fl-irħula ta' madwar. Irnexxielhom jilħqu wkoll komunitajiet imbiegħda, jibnu knejjes tal-ġebel f'Garsen, Moa u Tarasaa. Iżda fuq kollox, huma għenu lill-insara lokali biex isaħħu



l-formazzjoni nisranija tagħhom permezz tat-twaqqif ta' komunitajiet imsejħa *Small Christian Communities*. Huma saħħew ukoll l-għaqda ta' Sant'Anna għal nisa Kattoliċi li huma wirtu mingħand il-missjunarji tal-*Holy Ghost*. Din il-għaqda hija qawwija ħafna f'Hola wkoll.

Is-sorijiet *Franciscan Missionaries of Mary* organizzaw aħjar is-servizz tas-saħħa f'dawn l-inħawi, matul il-ħmistax-il sena li huma damu



*Xellug: Sr. Agnes li sfat maqtula.*

hemmhekk. Iżda huma kellhom iħallsu prezz għoli għal dan, li kien il-ħajja ta' waħda mis-sorijiet li nqatlet wara li xi ħallelin armati sparaw fuqha. Dan ġara fit-12 ta' Lulju, 1989. Infatti, wara ġurnata xogħol, is-sorijiet u Fr. Spiro Galea, li f'dak iż-żmien kien il-kappillan tal-parroċċa, kienu miġburin fil-kappella għat-talb ta' filgħaxija. F'daqqa waħda, instemgħet taħbita fuq il-bieb, u kulħadd ħaseb li kien xi ħadd li ġie jittallab għall-għajnuna. Mingħajr ma ħasbitha darbtejn, Sr. Agnes fetħet il-bieb ... u f'dak il-mument iltaqgħet verament ma' Ġesù, li kienet dejjem tilmħu b'fidi kbira fil-foqra li kienet tagħmilha magħhom. Ir-raġel jew irġiel sparaw sensiela ta' tiri u Sr. Agnes waqgħet mejta fuq l-art tal-kappella. Fr. Spiro u s-sorijiet l-oħra kienu xxukkjati sewwa. Infatti kellhom jgħaddu sagħtejn biex Fr. Spiro jerġa' jikseb is-saħħa meħtieġa ħalli jċempel lill-Isqof; u kont jien li rċevejt il-messaġġ u bqajt ma' l-Isqof għall-bqija tal-lejl, ixxukjat u mingħajr il-ħila llissen kelma. Kmieni l-għada filgħodu, l-Isqof Pawlu Darmanin u Fr. Ġwakkin Mercieca, li kien missjunarju f'Garissa dik il-ħabta, marru fuq il-post fejn seħħ l-omiċidju.

Fr. Spiro u s-sorijiet baqgħu f'Wema għal ħafna snin. Imbagħad Fr. Joe Gauci ngħaqad ma' Fr. Spiro u iktar tard ħadlu postu sakemm ġie trasferit f'Umoja, ġewwa Mpeketoni, fejn inħatar bħala s-Superjur tad-Dar tal-Postulanti, u eventwalment irtira lura Malta fl-1988 minħabba



raġunijiet ta' saħħa. Fr. Joe Grixti wkoll qatta' xi żmien hemmhekk wara li kien ilu għal perijodu ta' kważi disa' snin (1977-1986) f'Garissa. Issa, f'Wema u f'Garsen, hemm il-missjunarji u l-voluntiera ta' Istitut Sekulari ta' oriġni Spanjola, imsejjaħ *The Missionary Community of St. Paul the Apostle and of Mary Mother of the Church*; filwaqt li f'Tarasaa hemm il-missjunarji tal-*Mill Hill*.



*Fuq : Il-knisja ta' Garsen.*
*Isfel: L-istazzjon missjunarju ta' Garsen.*

# Il-Gżira ta' Lamu u Mpeketoni



Id-distrett tal-gżira ta' Lamu jaf l-evanġelizzazzjoni bikrija tiegħu ġewwa Faza, fuq il-gżira ta' Pate u fil-gżira ta' Lamu fl-1597/98, bis-saħħa tal-wasla ta' tliet missjunarji Agostinjani mill-Portugal. Iżda wara l-irvell f'Mombasa li seħħ fl-1631, meta kważi l-elf nisrani sofrew il-martirju, ma kienx għad fadal ebda traċċa ta' preżenza nisranija. Fl-1860 twaqqfet il-Prefettura Appostolika ta' Żanżibar, filwaqt li fl-14 ta' Awissu 1889, ġiet iċċelebrata u rreġistrata l-ewwel magħmudija f'Mombasa. Hekk bdiet l-era moderna ta' evanġelizzazzjoni fil-Kenja.

Iżda Lamu u l-Arċipelagu tagħha kienu qed jistennew bil-ħerqa evanġelizzatur ġdid. U ħadd aħjar minn Fr. Francis Baldacchino, illum Isqof ta' Malindi, ma nstab.

Fr. Francis wasal fil-Kenja fis-7 ta' Jannar 1974, flimkien ma' Fr. Leo White. Huma kienu l-ewwel Franġiskani Kapuċċini li qatt rifsu fuq ir-ramel tal-Kenja, biex jistabilixxu ruħhom hemmhekk. Ix-xahar ta' wara, xi Kapuċċini oħra ngħaqdu magħhom. Bħalissa, il-missjunarji Maltin mxerrdin mad-dinja jgħoddu 'l fuq minn 850, ċifra li tinkludi 7 isqfijiet, mijiet ta' saċerdoti djoċesani u reliġjużi, irġiel u nisa reliġjużi, lajċi mill-Movimenti Ekkleżjali ġodda, kif ukoll membri mill-Moviment tal-Volontarjat għal-Lajċi, li twaqqaf f'Malta fl-1985 mill-Professur John Rizzo Naudi, taħt il-ħarsien ta' l-Opri Pontifiċji Missjunarji.




Ġimgħa biss wara l-wasla tagħhom, Fr. Francis u Fr. Leo attendew għall-inawgurazzjoni u t-tberik tal-knisja parrokkjali ta' Garissa, li fl-1984 saret il-Kattidral tad-Djoċesi l-ġdida ta' Garissa. Kien hemm ukoll in-Nunzju Appostoliku għall-Kenja, Mons. Pier Luigi Sartorelli u l-Isqof ta' Meru, Mons. Laurence Bessone. Iżda wara waqfa qasira f'Garissa, Fr. Francis niżel 'l isfel. Fi triqtu ltaqa' ma' Fr. Peter O'Toole, missjunarju tal-*Holy Ghost*, li kien ilu hemm għal diversi snin u li kellu esperjenza missjunarja aktar wiesgħa ta' dawk l-inħawi tal-pajjiż. Infatti, Fr. O'Toole innifsu ġieli żar il-gżira ta' Lamu u ġieli qaddes ukoll fin-*New Kenyatta Settlement Scheme* li aktar tard bdiet tissejjaħ Mpeketoni. Meta Fr. O'Toole induna bil-viżjoni missjunarja profonda li kellu Fr. Francis, qiesu bħala l-iktar persuna adattata biex tiżviluppa dik iż-zona ta' Lamu, kif ukoll il-parti mbiegħda ta' l-art prinċipali fejn mijiet ta' Kenjani kienu qed jidħlu ta' spiss, iżda fejn ma kien hemm ebda saċedot missjunarju residenti hemmhekk biex jieħu ħsiebhom.



# Fr. Francis Baldacchino f'Lamu

Għalhekk Fr. Francis beda jippjana x'jista' jagħmel. Billi Fr. Francis huwa lingwista prim, kellu diġà għarfien tal-lingwi bażiċi ta' l-Iskrittura Mqaddsa, minħabba l-Istudji Bibbliċi li kien għamel qabel ma wasal il-Kenja. Huwa stess kien iħobb jippromwovi l-edukazzjoni, mhux bħala skop fiha nnifisha iżda bħala għodda għall-evanġelizzazzjoni. Għalhekk, l-ewwel impenn tiegħu kien li jistudja sewwa l-lingwa Kiswahili. Fr. Francis għaraf li permezz ta' l-edukazzjoni seta' jikseb ħafna għal Kristu, speċjalment meta l-fatti kienu juru li l-popolazzjoni ta' madwar fil-gżira kienet l-iktar Musulmana. Imma l-edukazzjoni kienet xi ħaġa komuni għal kulħadd. Infatti, kien hemm grupp żgħir ħafna ta' impjegati maċ-ċivil u oħrajn li kienu nsara jew kattoliċi.

Dan li ġej jurina kif Fr. Francis innifsu jiddeskrivi l-isfida li kellu quddiemu, proprju ftit xhur wara l-wasla tiegħu f'Lamu. Kien qed iwieġeb bil-kitba għax-xewqa ta' l-Isqof Pawlu Darmanin, li f'Novembru ta' l-1974, bħala Ministru Provinċjal tal-Provinċja Kapuċċina Maltija, kien qed jagħmel vista kanonika f'Lamu. Fr. Francis kiteb hekk: "Għandi erba' ċentri fejn nista' niċċelebra l-quddiesa, ngħallem il-katekiżmu lil diversi klassijiet, ngħallem ir-reliġjon fl-iskola tiegħi u nagħti xi konferenzi lill-Insara, li wħud minnhom mhumiex Kattoliċi. U dan kollu flimkien ma' l-amministrazzjoni ta' skola sekondarja li rnexxieli niftaħ wara li offrejt li mmexxiha jiena stess. Infatti, huwa diffiċli ħafna li nsib għalliema li jitħallsu bil-paga li aċċettajt jien.

Imma dan il-proġett laħaq erba' skopijiet fl-istess ħin:

1. Li nkun nista' nħares il-ftit Kattoliċi li jiġu hawnhekk minn postijiet oħra tal-Kenja, u li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ħaddiema tal-gvern;

2. Lili għenitni biex ikolli minn fejn indaħħal xi ħaġa ħalli b'hekk ma nkunx ta' piż finanzjarju għad-Djoċesi ta' Garissa;

3. B'dan il-mod inkun nista' nimla l-ħin tiegħi meta l-Insara tagħna jkunu fuq ix-xogħol;

4. Inkun nista' nagħmel ukoll att ta' karità lin-nies tar-raħal, bħala xhieda konkreta ta' ħajja Nisranija. L-aqwa ċertifikat li qatt irċevejt kien mingħand wieħed Musulman tal-post li tenna: 'Hekk aħjar! Dan huwa bniedem moderat u bla dubju ta' xejn se jagħmel kulma jista' għall-benefiċċju tal-poplu tagħna!' U dan kien kkonfermat iktar tard minn fomm Musulman ieħor li qal lil wieħed mit-tliet żgħażagħ li kelli miegħi: "L-għalliem tagħkom, minkejja li hu Nisrani, huwa bniedem ta' qalb tajba ħafna; nistħajlu wieħed minna, jiġifieri Musulman.' "

Imbagħad Fr. Francis jitkellem dwar Mpeketoni, u fl-istess ittra jistqarr:

"Wieħed miċ-ċentri jista' jkun żviluppat f'missjoni mill-isbaħ. In-nies mhumiex Musulmani, iżda pagani. Ħafna minnhom għandhom ħerqa kbira biex jitgħallmu l-katekiżmu u jitgħammdu. Iridu wkoll jibnu l-knisja tagħhom. Fil-futur, dan l-istazzjon missjunarju jista' jkun iċ-ċentru minfejn ikunu jistgħu jintlaħqu erba' rħula oħra." Iż-żmien ta raġun lil Fr. Francis! Hekk ġara tassew.

# L-Edukazzjoni sservi biex isseħħ l-evanġelizzazzjoni

Permezz tal-ħbiberija tiegħu ma' Fr. O'Toole, Fr. Francis sar jaf lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' Lamu, li milli jidher, kien qed jistenna b'ħeġġa lil xi ħadd li jiddedika ruħu kompletament għall-iżvilupp serju ta' dak is-settur. Ir-rakkomandazzjoni ta' Fr. O'Toole u d-doni ta' Fr. Francis innifsu, għenuh biex jiġi aċċettat bħala s-surmast ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Harambee, f'Lamu. Matul dawk l-ewwel snin, Fr. Francis ħadem u impenja ruħu f'dan ix-xogħol kemm felaħ; huwa wera ruħu bħala amministratur effiċjenti, u fuq kollox bħala għalliem tajjeb.




*L-unika knisja kattolika f'Lamu.*




*Isfel: L-iskola sekondarja li waqqaf Fr. Francis.*

Għalhekk, huwa kiseb it-titlu ta' *"mwalimu"*, jiġifieri "għalliem". Huwa gawda dak l-isem tajjeb għal medda twila ta' snin. Fr. Hilary Abela li għadu fl Mpeketoni, fejn ilu mill-1982, jgħid li meta xi ħadd fuq il-gżira ta' Lamu jkun irid jirreferi għal Fr. Francis, qatt ma jsejjaħlu b'dan l-isem iżda bit-titlu sabiħ li kiseb ta' *"mwalimu"*. U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, diversi nies, l-aktar ix-xjuħ li għadhom jiftakru lil Fr. Francis, jindirizzaw b'dan il-mod lill-missjunarji barranin kollha.

F'Lamu, Fr. Francis staqsa biex jingħata biċċa art fejn ikun jista' jibni knisja żgħira għall-komunità Kattolika li kienet tgħix hemmhekk. Dan ma kienx faċli; imma iktar ma dehret diffiċli, Fr. Francis iktar ħabrek, sakemm fl-aħħar irnexxielu jakkwista l-art li ried fl-iktar parti ċentrali tal-moll, ħdejn l-uffiċċju tal-Posta, il-Mużew u l-Bank. Imbagħad, fi spirtu tabilħaqq ekumeniku, il-knisja kienet iddedikata lil Marija, Omm Ġesù. Kull min jiġi jew jitlaq minn Lamu, jista' jara sewwa din il-knisja żgħira, iżda importanti ħafna.

Fl-1977, Fr. Francis telaq minn Lamu u stabilixxa ruħu fi Mpeketoni, fejn sadanittant kienu għadhom kemm waslu żewġ Kapuċċini Maltin iżgħar minnu. Minn Mpeketoni, Fr. Francis baqa' jżur Lamu u Mokowe kull nhar ta' Ħadd. Fl-1980, l-attivitajiet pastorali ta' Lamu u ta' l-arċipelagu tagħha, għaddew f'idejn Fr. Robert Brett, qassis ieħor djoċesan Malti mid-Djoċesi ta' Arundel u Brighton, ħdejn Londra. Huwa baqa' hemm għal ħdax-il sena, li matulhom kompla tirex il-ministeru tiegħu fuq il-gżejjer l-oħra wkoll. (Filwaqt li konna qed niktbu dan, irċevejna l-aħbar ta' niket li ħtna l-mewt zaret lil Fr. Robert Brett nhar id-dsatax ta' Awissu 2000, f'Londra, fl-età ta' 71 sena).

Fis-sena 1992, il-patrijiet missjunarji tal-*Mill Hill* ħadu din il-ħidma f'idejhom u għadhom hemmhekk sallum.

# Mpeketoni

Sa mill-ewwel jum tal-wasla tiegħu fil-gżira ta' Lamu, Fr.Francis segwa mill-qrib l-iżviluppi li kienu qegħdin fiż-żoni prinċipali tal-gżira. Sa mill-1972, il-gvern ċentrali f'Nairobi, taħt it-tmexxija tal-President Mzee Kenyatta, kien qed iħares lejn il-biċċa art faċċata ta' Lamu bħala opportunità kbira għall-iżvilupp tan-nies. Il-*Lake Kenyatta Settlement Scheme* setgħet tipprovdi biċċa art lil ħafna Kenjani li ma setgħu jiksbuha minn imkien. Setgħet tkun żona li toffri għajxien aħjar lil parti mill-popolazzjoni Kenjana li fis-snin tan-nofs tas-sebgħinijiet kienet qed tikber b'rata mgħaġġla. Għalhekk din l-opportunità ġdida ġiet offruta lil diversi Kikuyu ġejjin mill-Provinċja Ċentrali, kif ukoll lil Kenjani oħra li kienu qed jgħixu fuq il-fruntieri tat-Tanżanija u ta' l-Uganda. Għall-bidu, din l-inizjattiva ma kinetx wisq popolari; iżda wara li l-problemi tal-bidu ngħelbu, bis-saħħa tal-ħidma sfieqa, l-eżempju tajjeb u s-suċċessi ta' l-ewwel nies li ġew jgħixu f'dawn l-inħawi, ħafna kienu ħerqana li jiksbu biċċa art hemmhekk u jibdew ħajja ġdida għalihom infushom u għall-familji tagħhom. Sa dak iż-żmien, l-art li qed insemmu kienet sempliċiment foresta jew *bush*, sewwasew kif jimplika l-isem *"mpeketo"*; kienet kważi ineżistenti għan-nies li kienu jgħammru fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż, u fuq il-mappa lanqas biss kellha isem.

Iżda l-imigranti bieżla kellhom ibiddluha f'żona mill-isbaħ li mbagħad kellha tissejjaħ *"Mpeketoni"*. Fr. Francis sema' b'dan kollu u kien qed isegwi kollox mill-qrib u b'interess kbir. Mingħajr telf ta' żmien, huwa beda jżur dan il-post bħalma kien jagħmel qabel Fr. O'Toole, meta kien jinżel minn Wema. Iżda issa Fr. Francis kien qed jara din l-art bħala l-kamp missjunarju futur tiegħu. Bħalma hu stess stqarr f'Novembru ta' l-1974, fl-ittra tiegħu lill-Provinċjal li semmejt ftit ilu, kien qed jara fuq kollox, poplu li seta' jikkonverti, seta' jingħata kuraġġ u jorganizza ruħu fi Knisja lokali. Sar jaf lill-katekist prinċipali, Tarcisio Wambugu, li kellu jgħin lilu u lill-missjunarji l-oħra, fis-snin ta' wara. L-ewwel parti mill-pjan pastorali tiegħu kien li jikseb biċċa art





*Fuqnett: Fr. Francis ma' klassi tat-tfal tal-katekiżmu.*

*Taħt: Fr. Joe Galea, li issa qiegħed Hola, flimkien ma' (mix-xellug) Fr. David Kamau, Fr. Spiro Galea, u Br. Simon Muriithi.*

ħdejn iż-żona li kienet qiegħda tiġi żviluppata, fejn l-iktar numru ta' nies kienu jgħammru. Wara ftit taż-żmien, ingħatatlu biċċa art kbira żewġ ejkers.

Huwa fatt magħruf li Fr. Francis kien il-moħħ ġenjali wara l-iżvilupp u t-twaqqif tal-Knisa Kattolika f'dan il-post. F'Mejju ta' l-1975, Fr. Joe Galea, il-Kapuċċin żagħżugħ minn Malta, li nistgħu nqisuh bħala t-tieni kolonna tal-missjoni Kapuċċina fil-Kenja, wasal fi Mpeketoni. Hu kien ħalla lil Malta fost l-isfiduċja u l-qtigħ il-qalb ta' ħafna li ma setgħux jilmħu futur sabiħ għal dik il-missjoni diffiċli. Kull wieħed minna li għex dawk iż-żminijiet diffiċli, ammira l-pass qalbieni tiegħu. Iżda l-kuraġġ u d-determinazzjoni tiegħu dawlu l-età żagħżugħa tiegħu ta' sitta u għoxrin sena, u għal darb'oħra tawh raġun. Infatti, diversi missjunarji oħra minn Malta u xi missjunarji Kapuċċini Maltin li kienu qed jaħdmu xi mkien ieħor, imxew wara l-passi tiegħu u marru Garissa.

# Żviluppi fi Mpeketoni

Kważi fl-istess żmien, Fr. Thaddaeus Schembri qasam mill-Etjopja għall-Kenja u flimkien ma' Fr. Joe Galea, beda jaħdem fi Mpeketoni. Huma bnew għarix żgħir biex joqogħdu fih, filwaqt li Fr. Thaddaeus ħejja d-disinn tal-knisja l-ġdida li kellha tinbena fuq il-biċċa art li Fr. Francis kien akkwista. L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fis-6 ta' Lulju, 1975, mill-Arċisqof Pier Luigi Sartorelli li kien in-Nunzju Appostoliku u li kkontribwixxa finanzjarment għall-bini ta' l-istess knisja. Fl-istess żmien, Fr. Schembri u Fr. Galea bdew joffru servizzi pastorali regulari lill-komunità lokali. Bil-għajnuna ta' dawk il-missjunarji bieżla, kif ukoll permezz tal-ko-operazzjoni kontinwa tan-nies tal-post, il-bini tal-knisja l-ġdida fi Mpeketoni kien wasal għat-tmiem.



*Fr. Vincent Buhagiar ħdejn l-ewwel bir li tħaffer.*

Wara dan, tħaffer bir ħdejn il-knisja li għadu jintuża sa llum għall-benefiċċju tan-nies. Aktar tard inbena ċentru parrokkjali mogħni b'dak kollu li parroċċa ġdida kellha bżonn għoxrin sena ilu f'dak il-post. Imbagħad, f'Marzu ta' l-1976, Fr. Joe Galea ħalla Mpeketoni u beda l-ħidma tiegħu f'Hola fejn tul is-snin kienet twaqqfet parroċċa organizzata tajjeb b'diversi stazzjonijiet mifruxa. Issa din il-parroċċa tinsab fuq il-konfini ta' kif ġiet strutturata issa d-Djoċesi l-ġdida ta' Garissa. Fr. Schembri baqa' jaħdem hemm-hekk u f'oqsma oħra tal-missjoni ta' Garissa. Hu kien responsabbli mid-disinn u l-bini ta' knejjes, djar għall-missjunarji u għassorijiet, kliniċi u ċentri parrokkjali.

Sadanittant, Fr. Francis kien laħaq stabilixxa ruħu fi Mpeketoni. Minbarra x-xogħol pastorali kollu li kellu, huwa beda jgħallem ukoll fl-iskola sekondarja tal-post. Meta beda jara t-tbatija tan-nies ta' Mpeketoni, speċjalment minħabba d-distanzi li kellhom jivvjaġġaw biex jilħqu l-isptar tad-distrett ta' Lamu, fuq il-gżira ta' Lamu, Fr. Francis ħoloq klinika li tista' tmur minn post għal ieħor, kif ukoll




*Il-knisja parrokkjali ta' Mpeketoni.*




*Iċ-ċentru parrokkjali ħdejn il-knisja.*

programm biex jitma' l-ikel lin-nies. Mingħajr telf ta' żmien, Fr. Francis fittex għajnuna u assistenza mill-moviment missjunarju ta' volontarjat ta' l-Ingilterra, u l-għajnuna li rċieva kienet tikkonsisti kemm f'*personnell* kif ukoll f'finanzi għall-iżvilupp u għal programmi ta' saħħa. Bjar tħaffru fi bnadi oħra biex jipprovu ilma għan-nies. In-nisa u l-bniet bdew jitgħallmu l-ħjata u s-sengħa ta' kif jagħmlu l-basktijiet, biex hekk jitgħallmu jaqilgħu ħobżithom u jrabbu ċerta fiduċja fihom infushom. Ħwejjeġ użati kienu jitqassmu lill-ifqar nies tal-post, filwaqt li ġew provduti wkoll proġetti għall-għajnuna fil-familji u xi benefiċċji soċjali oħra.

*Christian Children Fund* u ta' fondazzjonijiet internazzjonali oħra ta' karità.





***Xellug:***
***Il-missjunarji kapuċċini Maltin fil-parroċċa ta' Mpeketoni:***
***Fr. Vincent Buhagiar,***
***Fr. Hilary Abela, kappillan,***
***u Fr. Maurice Cassar.***

***Fuq u isfel:***
***Iż-żewġ komunitajiet tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù li qed imexxu żewġ kliniċi fil-parroċċa ta' Mpeketoni, waħda f'Hongue u l-oħra f'Baharini.***

Xi snin wara, is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù - kongregazzjoni Maltija - waslu Mpeketoni. Dawn is-sorijiet kellhom storja missjunarja twila għax ħadmu għal medda twila ta' snin viċin tal-Kapuċċini Maltin f'Jhansi, l-Indja. Infatti, wara li stabbilixxew ruħhom fi Mpeketoni, huma żviluppaw u organizzaw ħafna mis-servizzi mediċi tal-post, filwaqt li taw daqqa t'id ukoll fil-katekiżmu, permezz taż-żewġ komunitajiet li għandhom f'Hongwe u f'Baharini. Fl-1985, Fr. Maurice Cassar ukoll ingħaqad mal-missjunarji l-oħra fi Mpeketoni; huwa ġab miegħu l-esperjenza missjunarja kollha li kellu qabel, billi kien diġà ħadem fl-Indja (1968-1979) u f'Garissa (1979-1985). Huwa kabbar il-proġetti li diġà kienu jeżistu u waqqaf oħrajn ġodda, bil-għajnuna tal-



# Imsoqqija bid-demm

Missjunarju ieħor li daħal fix-xena fl-istess żmien li qed nitkellmu dwaru kien Fr. Hilary Abela. Huwa kien qatta' l-ewwel snin tiegħu fl-Etjopja (1971-1976) u f'Wajir fil-Provinċja ta' bejn in-naħa ta' Fuq u n-naħa tal-Lvant fil-Kenja (1976-1982). Fr. Hilary kompla fejn ħallew ta' qablu u mill-1986 kien responsabbli tal-parroċċa fejn kellu mal-ħmistax-il elf Kattoliku li kienu jgħammru madwar il-knisja prinċipali u tmien stazzjonijiet mifruxa fi tmien villaġġi, kull wieħed bil-knisja tal-ġebel tiegħu. Iżda fuq kollox, hemm tlieta u tletin *small christian communities*, ilkoll mimlijin ħajja u attività, u impenjati bis-serjetà fil-formazzjoni ta' l-Insara tagħhom. Matul żminijiet differenti, Fr. Hilary kien megħjun minn missjunarji Kapuċċini Maltin oħra: Fr. Leopold Tabone (1983-1984), Fr. Joe Libreri (1989) u Bro. John Cassar (1996-1998). Bejn l-1991 u l-1993, Fr. Michael Galea, qassis djoċesan minn Nadur, Għawdex, offra sentejn mis-saċerdozju bikri tiegħu f'Bhomani, fejn hu bena wkoll knisja sabiħa ħafna. Mill-1998, kien hemm ukoll Fr. Vincent Buhagiar li kien wieħed mill-ewwel pijunieri Kapuċċini ta' l-1974.





*Fr. Joe Alessandro ftit sigħat wara l-inċident u rikoverat fl-isptar ta' Nairobi.*

Iżda ż-żerriegħa tal-fidi li kienet inżergħet fl-art ta' Mpeketoni kienet imsoqqija bid-demm tal-missjunarji. F'din l-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi, li minnha tagħmel sehem konsiderevoli l-art ta' Mpeketoni, ma nistgħux ma nsemmux l-inċident li fih Fr. Joe Alessandro, Superjur Regulari tal-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja, safa' attakkat u midrub minn xi ħallelin armati, hu u jivvjaġġa ma' Fr. Hilary Abela u tliet voluntiera Maltin oħra. Inħallu lil Fr. Joe innifsu jirrakkontalna l-esperjenza tiegħu kif għamel fir-rivista tal-Kapuċċini "Dawl Franġiskan" ta' Mejju 1994:

"L-aħħar jumejn qabel l-inċident li kelli fit-18 ta' Ottubru 1993, qattajthom fid-Dar tal-Postulanti f'Umoja. Kienu jumejn sbieħ u ta' sodisfazzjon (peress li kont ilqajt ħames żgħażagħ Kenjani biex jibdew il-formazzjoni tagħhom għall-ħajja Kapuċċina). L-aħħar esperjenza li kelli fil-Kustodja tal-Kenja kienet proprju meta tlaqt mis-Seminarju ta' Umoja lejn Nairobi u fit-triq iltqajna ma' ħallelin, li barra li ħadulna kollox, lil sħabi ħallewhom mitlufin għal ġurnata u lejl fil-*bush*, għax-xemx taqli tal-jum u għall-periklu tal-lejl, bil-ġuħ u bil-għatx, u lili ferut mal-ġenb tat-triq. Tidher li kienet esperjenza kerha, iżda għalija kienet waħda pożittiva għax permezz tagħha stajt immiss b'idejja l-imħabba kbira ta' Alla lejja li ħassejtu kontinwament miegħi anki f'dak il-ħin li għaddejt waħdi minn tuli fl-art bla ma nista' nitħarrek u bid-demm ħiereġ. F'dak kollu li ġara wara, matul dawn l-ahhar sitt xhur, dejjem rajt l-imħabba kbira ta' Alla riflessa fl-imħabba u fl-attenzjoni kbira li wrew lejja ħuti l-patrijiet fil-Kenja u minn Malta, il-familjari tiegħi, il-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni."

Ix-xhieda u t-tbatijiet ta' Fr. Joe Alessandro, il-mewt ta' Sr. Agnes f'Wema sentejn qabel, flimkien mal-ħafna tbatija ta' tant missjunarji u nsara, huma x'aktarx uħud mill-ikbar doni mogħtija mid-Djoċesi ta' Garissa lid-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi!

# Formazzjoni tal-Lajċi



*Il-komunità tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fi Mpeketoni: Peter Farrugia, Gejtu Decelis u Joe Cassar.*

Issa, fi Mpeketoni, minbarra ż-żewġ komunitajiet tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, minn Malta u mill-Indja, hemm ukoll ċentru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa iktar fostna bhala M.U.S.E.U.M., isem li mil-Latin ifisser: "Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek!". Din is-Soċjetà twaqqfet f'Malta fl-1907, mill-Venerabbli Dun Ġorġ Preca, saċerdot Malti li minn żmien għal żmien qed nistennew il-beatifikazzjoni tiegħu. Din is-soċjetà, magħmula minn lajċi, tieħu ħsieb it-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal u liż-żgħażagħ, kif ukoll il-formazzjoni u t-tħejjija tal-katekisti. F'Umoja hemm ukoll id-Dar tal-Postulanti Franġiskani Kapuċċini fejn il-kandidati li jixtiequ jingħaqdu ma' l-Ordni Kapuċċin jirċievu l-formazzjoni tal-bidu tagħhom.

Sehem ieħor importanti li kellu Fr. Francis fi Mpeketoni, u f'postijiet oħra, kien il-formazzjoni tal-lajċi. Huwa kien konxju ħafna tal-fatt li l-lajċi huma s-sinsla tal-Knisja. Jekk din hija verità fid-dinja kollha, hija verità wkoll fl-Afrika. Wieħed mill-ħsibijiet ewlenija li kellu kien it-tħejjija ta' katekisti tajbin. Bil-kuraġġ li għamillu Mons. Leo White, il-Prefett Appostoliku, huwa kien jibgħat katekisti għal korsijiet ta' sena, fejn setgħu japprofonixxu u jsaħħu l-formazzjoni tagħhom. Minbarra dan, l-għalliema kienu jintbagħtu għal kors ta' tliet xhur CISRET biex ikunu mħejjija tajjeb biex jgħallmu fil-*Programme for Pastoral Instruction* fi skejjel sekondarji. CISRET, li tfisser *Centre for In-Service Religious Education for Teachers* kien imwaqqaf permezz tal-Konferenza Episkopali Kenjana, megħjuna mill-Istitut Kenjan ta' l-Edukazzjoni u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. L-għan ta' dan il-kors hu li jħarreġ l-għalliema kif għandhom jgħallmu l-edukazzjoni reliġjuża u l-programm pastorali fi skejjel primarji. Meta jien kont kappillan fil-kattidral ta' Garissa, jiena stess nista' nixhed kemm Fr. Francis heggiġni biex insib għalliema Kattoliċi li kellhom il-ħila joffru dak is-servizz lill-istudenti. Is-sitwazzjoni tagħna ma kinetx waħda ħafifa, għaliex xi wħud minn dawn l-għalliema, wara li temmew il-kors, ġew trasferiti immedjatament f'raħal twelidhom. Imma dak kien servizz tipiku li d-Djoċesi ta' Garissa offriet lill-Knisja kollha tal-Kenja, filwaqt li dejjem baqgħet iżżomm f'moħħha viżjoni iktar universali tal-Knisja wara l-Konċilju Vatikan II.



*Il-bookshop tal-parroċċa li jgħin fil-qari nisrani.*




# Kappillan f'Ruiru



Ruiru, il-parroċċa li tinsab xi tletin kilometru 'l bogħod minn Nairobi, kienet kamp ieħor ta' missjoni għal Fr. Francis. Fl-1980, ħa post Fr. George Bezzina li fl-aħħar tas-sebgħinijiet ġie mill-Indja għall-Kenja, u offra l-ewwel snin ta' ministeru pastorali f'dik il-parroċċa. F'Ruiru, Fr. Francis fittex li jwettaq ix-xewqa tal-Kardinal Maurice Otunga li jiżviluppa parroċċa tabilħaqq organizzata. Huwa ssokta l-bini tal-knisja, saħħaħ il-Kunsill Parrokkjali u d-

*Fuqnett: Il-knisja parrokkjali ta' Ruiru ddedikata lil San Franġisk ta' Assisi.*

*Fuq: Fr. Francis flimkien ma' Fr. Publius Cassar waqt waħda mill-attivitajiet tal-parroċċa.*

*Lemin: Ordinazzjoni presbiterali f'Ruiru ta' l-ewwel żewġ kapuċċini Kenjani: Fr. Andrew Mwaura u Fr. Andrea Momanyi.*



diversi stazzjonijiet mifruxa f'dawk l-inħawi, filwaqt li waqqaf xi oħrajn ġodda wkoll. Sfortunatament, f'dak iż-żmien, in-nuqqas ta' sigurtà f'ċerti postijiet kien ta' tħeddida għall-ħidmiet tagħna. Minħabba f'hekk, tista' tgħid li kważi kull missjunarju, f'xi mument jew ieħor, ġarrab xi esperjenzi negattivi. Niftakar tajjeb ħafna l-esperjenza li Fr. Francis innifsu għadda minnha fil-lejl ta' l-14 ta' Novembru 1982, meta żort il-Kenja għall-ewwel darba. F'dak il-lejl, Fr. Francis safa attakkat mill-ħallelin li, wara li serqu kulma sabu, ħallewh marbut fil-kappella żgħira tad-dar, waħdu. Iżda, meta jirrakkonta dan l-episodju, wieħed fost ħafna, huwa jisħaq li b'xi mod ħassu hieni fil-kumpanija tajba ta' l-għeżeż Ħabib u Konsolatur tiegħu, l-uniku għajn ta' kuraġġ għalih: Ġesù fit-Tabernaklu Mqaddes.

Meta Fr. George Bezzina temm iż-żmien tiegħu bħala Superjur Regulari, huwa mar lura fil-parroċċa ta' Ruiru fejn ħabrek ħafna f'ħidma dedikata għal tnax-il sena sħaħ. Irnexxielu jibni ċentru pastorali kbir ħafna *(ritratt fuq nett)*, u ħoloq diversi attivitajiet għall-benefiċċju tal-parruċċani t'hemmhekk. Mill-1997, ix-xogħol pastorali f'Ruiru għadda f'idejn il-Kapuċċini Kenjani, u l-Kapuċċini Andrew A. Mwaura, Daniel M. Karau, Charles M. Njoroge, Francis O. Jabedo u Christopher M. Musyoka, taw u għadhom jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa.





*Vincent Aquilina, membru tas-Soċjetà tal-Museum, jgħallem is-sengħa tal-mastrudaxxa liż-żgħażagħ*



*Fr. Francis Jabedo, il-kappillan ta' Ruiru (it-tieni mix-xellug), flimkien mal-komunità magħmula mill-Aħwa Kapuċċini Kenjani.*

# Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof ta' Garissa sa mill-1984 u s-Small Christian Communities

Fl-1984, bit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa, l-Isqof Pawlu Darmanin ħatar lil Fr. Francis bħala Vigarju Ġenerali, Segretarju Pastorali u Ko-ordinatur ta' l-Edukazzjoni Reliġjuża. Permezz ta' l-esperjenza li kiseb fi Mpeketoni u f'Ruiru, Fr. Francis seta' jgħin fl-ippjanar pastorali tad-Djoċesi l-ġdida ta' Garissa. Bħala Ko-ordinatur Pastorali, huwa organizza diversi *seminars* u laqgħat għall-missjunarji kollha; kif ukoll oħrajn, li kienu aktar spissi, għall-katekisti u għall-voluntiera lajċi. Wara li l-bini taċ-Ċentru Pastorali ta' Garissa tlesta mill-Isqof Pawlu, dawn il-laqgħat saru aktar frekwenti, speċjalment bis-saħħa ta' l-għajnuna ta' Bro. Joe Vella.

Hawnhekk, nixtieq niffoka fuq is-sehem li Fr. Francis ta fit-twaqqif u l-formazzjoni tas-*Small Christian Communities* f'dik iż-żona. Mill-1976 'il quddiem, fil-laqgħat tagħhom ta' l-AMECEA, *(Association of Member Episcopal Conferences of East Africa)*, l-Isqfijiet għamlu sejħa għal strateġija ġdida fl-organizzazzjoni pastorali, li tagħti importanza kbira lis-*Small Christian Communities*.

Jekk dan kien qed iseħħ tassew f'xi postijiet oħra fl-Afrika u fil-Kenja, l-istess sitwazzjoni konna qed ngħixuha aħna l-missjunarji flimkien ma' l-Insara f'Garissa. Għadni niftakar tajjeb x'kien jgħidli l-Isqof Pawlu minn mindu wasalt f'Garissa f'Mejju ta' l-1985. Huwa jien jisħaq li jekk xtaqt nagħti l-kontribut tiegħi għall-aħjar ta' l-Insara li kienu jiġu min-naħa ta' fuq tal-pajjiż biex jaħdmu fil-parroċċa ta' Garissa u b'hekk ngħinu fil-bini ta' Djoċesi b'saħħitha, kelli nintefa' b'ruħi u b'ġismi f'dik id-direzzjoni.





***Fuq:** Wieħed mis-Seminars għall-missjunarji fid-Djoċesi ta' Garissa.*

***Isfel:** Fr. Francis fuq ix-xellug ta' Mons. Pawlu Darmanin waqt it-tberik tal-knisja l-ġdida ta' Madogo.*

Fr. Francis, li kellu esperjenza aktar wiesgħa ta' Mpeketoni u ta' Ruiru, beda jagħmel il-qalb lil Fr. Joe Galea f'Hola, lil Fr. Spiro Galea f'Wema, lil Fr. Crispin Tabone f'Wajir, lili stess f'Garissa u lill-Komunitajiet ta' Charles de Foucauld f'Mandera u El Wak.

Bis-saħħa ta' l-esperjenza ta' Fr. Francis u għaż-żjajjar tiegħu ta' spiss fil-komunitajiet tagħna, irnexxielna nibqgħu sodi fl-impenn tagħna. Minbarra dan, meta wieħed jikkonsidra ftit l-iżvilupp ta' dawn il-komunitajiet, ta' l-inqas fl-Afrika tal-Lvant, u speċjalment fil-Kongo, li kien meqjus bħala l-pajjiż li qed jiżboq pajjiżi oħra, l-Isqof Pawlu u Fr. Francis għenuna biex nimxu 'l quddiem fid-direzzjoni ġusta.

# Superjur Regolari tal-Kapuċċini fil-Kenja



Għalqa oħra ta' ħidma li kienet importanti ħafna għal Fr. Francis kienet il-ministeru pastorali u vokazzjonali li qeda bejn l-1984 u l-1990 bħala Superjur Regolari tal-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja. Superjur Regolari huwa dak ir-reliġjuż responsabbli mit-tmexxija ta' żona li taqa' taħt l-Ordni Kapuċċin, iżda li għadha mhix indipendenti. Wieħed irid jikkunsidra l-firxa tat-territorju; kemm il-missjunarji Kapuċċini u l-*'brothers'* Kenjani kienu mxerrda fil-formazzjoni tagħhom; id-diffikultajiet li wieħed irid iħabbat wiċċu magħhom meta jkun qed jivvjaġġa fuq dawk it-toroq; in-nuqqas ta' sigurtà li kienet qed tiżdied f'diversi postijiet u l-problemi kbar li kien hemm rigward il-formazzjoni tal-kandidati għall-ħajja reliġjuża fl-Afrika. Kemm għal dawk li kien hemm qablu, Fr. Pelagio Bilocca (1978-1981) u Fr. George Bezzina (1981-1984), kif ukoll għalih innifsu, dan iż-żmien ta' servizz bħala Superjur Regolari ma kien faċli xejn.



*Fuq: Fr. Francis, is-Superjur Regulari, jilqa' il-Professjoni ta' novizz.*

*Isfel: Il-postulanti flimkien mas-Superjur u d-Direttur tagħhom fis-Seminarju ta' Umoja.*

Il-Kapitlu tal-Kustodja tal-Kenja ta' l-1980 ta lil Fr. Pelagio Bilocca l-ħidma li jiġbor kandidati lokali ġodda biex jidħlu fl-Ordni Kapuċċin fil-Kenja. Kien ingħata b'ruħu u b'ġismu għal dan ix-xogħol, u l-Kustodja kienet diġà qiegħda tgawdi l-ewwel frott ta' dik il-ħidma iebsa. In-numru ta' reliġjużi Kenjâni beda jiżdied sewwa. Sa mill-bidunett il-Kustodja kienet megħjuna matul il-proċess kollu tal-formazzjoni tar-reliġjużi Kapuċċini lokali, mill-Kapuċċini tat-Tanzanija, speċjalment permezz tal-programmi tal-Postulanti u tan-Novizzi. Indunajna li kien wasal iż-żmien li jkollna djar adekwati għall-formazzjoni fil-Kenja stess. Fr. Pelagio u Fr. George kienu wittew it-triq, iżda kien fiż-żmien li Fr. Francis kien Superjur Regolari li nbniet id-Dar tal-Postulanti f'Umoja, Mpeketoni.

Wara li reġa' ġie elett bħala Superjur Regolari fl-1987, Fr. Francis kiseb biċċa art kbira f'Umoja, u Fr. Thaddaeus Schembri ngħata x-xogħol li jiddisinja id-Dar ġdida tal-Postulanti. Fr. Hilary Abela kien responsabbli mix-xogħol ta' kuljum fid-Dar li tlestiet f'nofs is-sena 1990, meta Fr. Pelagio kien Superjur Regolari. Id-Dar infetħet u tbierket nhar il-5 ta' Awissu, 1990, mill-Ministru Provinċjal tal-Kapuċċini Maltin, Fr. Francis Azzopardi, waqt żjara tiegħu fil-missjoni. Matul dawn l-aħħar għaxar snin ħafna kandidati għaddew l-ewwel snin tal-formazzjoni tagħhom f'Umoja qabel bdew in-Novizzjat fil-Viċi Provinċja tat-Tanzanija li fl-1996 saret it-tieni Provinċja Kapuċċina fil-Kontinent Afrikan. Matul dawn is-snin kollha, il-missjunarji Joe Saliba, Maurice Cassar, Joe Gauci, Martin Njiraini Mutike, Frans Baldacchino stess, Andrea M. Osoro u Br. Zacharia Ndoria Muriithi, kollha taw sehemhom fit-tmexxija ta' din id-Dar. Illum Fr. Daniel M. Karau huwa responsabbli mill-formazzjoni ta' xi għaxar kandidati li wħud minnhom ser jibdew in-Novizzjat aktar tard din is-sena.

Fl-istess ħin, ir-reliġjużi Kapuċċini tagħna fil-formazzjoni kellhom bżonn Dar ikbar f'Nairobi, fejn ikunu jistgħu joqogħdu, jirċievu l-formazzjoni tagħhom, jattendu korsijiet ta' Filosofija u Teoloġija, u fuq kollox ikomplu jidħlu fil-fond tal-ħajja Franġiskana Kapuċċina li ħaddnu.



# Dar tal-Formazzjoni f'Langata

Fl-1988, inkisbet biċċa art fiż-żona ta' Langata, mogħtija mill-familja Chege, li kienu membri ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Bis-saħħa ta' l-għajnuna kbira u l-interess ta' Fr. Publius Cassar, il-permessi kollha meħtieġ għall-bini l-ġdid ġew mogħtija mill-Kunsill Lokali tal-belt. Hekk Fr. Francis seta' jibda jaħseb għall-bini ta' kumpless kbir li kellu jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' familja kbira u dejjem tiżdied ta' reliġjużi Kapuċċini. Huwa ngħata għajnuna u kuraġġ minn diversi kwartieri internazzjonali ta' l-Ordni Kapuċċin, minn Provinċji oħra u minn benefatturi Maltin; hekk fl-1990, il-bini kien kważi lest. Fl-Għid ta' dik is-sena, l-Aħwa Kapuċċini daħlu fil-bini l-ġdid, li mbagħad kien uffiċjalment imbierek fil-15 ta' Awissu, 1990, mill-E. T. l-Arċisqof Clement Faccani, Nunzju Appostoliku. Iktar tard, inbniet naħa oħra tal-bini, matul it-tielet fażi tas-superjorat ta' Fr. Pelagio Bilocca (1990-1993).

Hawnhekk irridu nsemmu wkoll il-kontribut li taw Fr. Joe Buttigieg, Fr. Publius Mair, Fr. Emmanuel Barbara u Fr. Andrea Osoro Momanyi fil-formazzjoni tal-kandidati tagħna fl-aħħar għaxar snin li għaddew. Ma nistgħux ninsew lil xi oħrajn bħal Fr. Gandolf Wild u Br. Giorgio Picchi, missjunarji mill-Viċi Provinċja tat-Tanzanija, kif ukoll Fr. Justinian Cherupallikat u Fr. Sales Vinayanand Manakkatt mill-Provinċja ta' Kerala fl-Indja. U fuq kollox irridu niftakru wkoll f'Fr. Santino Doratiotto, li wkoll ġie mit-Tanzanija, iżda li sfortunatament miet traġikament f'inċident tat-traffiku, xahar biss wara l-wasla tiegħu, f'Settembru ta' l-1992.



*Mons. Clement Faccani, Nunzju Appostoliku għall-Kenja, bierek u inawgura s-Seminarju il-ġdid ta' Langata. Fr. Joe Buttigieg li kien Direttur ta' l-istudenti jidher jassistih.*

Bħala Superjur Regolari, Fr. Francis Baldacchino attenda wkoll għal diversi laqgħat tas-Superjuri

Kapuċċini ta' l-Afrika ta' Isfel, kif ukoll ta' l-Afrika tal-Lvant. Għal xi snin, Fr. Francis kien ukoll Viċi *"chairman"* ta' l-Assoċjazzjoni tas-Superjuri Kapuċċini ta' l-Afrika tal-Lvant (SEACA). Dan għenu biex ikompli jwessa' l-għarfien u l-esperjenza tiegħu rigward il-formazzjoni għall-ħajja reliġjuża u l-inkulturazzjoni tagħha fil-Kontinent Afrikan, l-iktar fl-Afrika tal-Lvant.

Dawn l-aħħar snin qabel ma nħatar Isqof ta' Malindi, Fr. Francis għaddiehom fil-parroċċa ta' Garissa (1995-1998), sena f'Kuba u fl-aħħar lura fl-art maħbuba tiegħu - Mpeketoni. Jiena fraħt ħafna meta ħallejt Garissa, li hu ħadli posti bħala kappillan. Il-kontribut prinċipali tiegħu hemmhekk kien il-bini tal-Knisja ta' San Pietru fil-qalba tar-raħal. Bejn l-1990-1994 konna diġà ksibna biċċa art biex fiha niżviluppaw xi proġett pastorali; iżda minħabba għadd ta' diffikultajiet il-proġett ma setax jibda f'dak iż-żmien. Fl-1996, Fr. Francis ħabrek kemm felaħ biex jirnexxilu jibni knisja fuq l-istess art fejn kien hemm il-ħabs il-qadim. Minbarra li kienet tintuża mill-ħabsin u dawk li jaħdmu magħhom, il-knisja kienet ta' għajnuna għall-Insara ta' dik iż-żona wkoll. Hemm ukoll *kindergarten* li tgħin fl-edukazzjoni u t-trobbija taż-żgħar. Dan il-proġett jista' jidher bħala wieħed żgħir, billi f'Garissa, bħal f'kull post ieħor tal-missjoni, inbnew diversi knejjes u kappelli; imma għal min kien hemm u jaf x'issarraf, jifhem li kien kontribut siewi ħafna lill-komunità u lill-poplu kollu ta' Garissa.





***Il-Kappella u l-librerija tas-Seminarju tal-Kapuċċini f'Langata - Nairobi.***

***Isfel: Uħud mill-istudenti Kapuċċini tat-Teoloġija flimkien mas-Superjur u d-Direttur tagħhom.***



# Studji Islamiċi għal Evangelizzazzjoni aħjar

Għalqa oħra ta' ħidma li kienet importanti ħafna għal Fr. Francis kienet tikkonsisti fil-kuntatti tajbin li kellu ma' l-Islam. Meta wieħed ikun qiegħed jaħdem fid-Djoċesi ta' Garissa u speċjalment f'Lamu, jeħtieġlu jagħraf l-istrateġija pożittiva f'dan il-kamp ta' ħidma. Il-kliem profetiċi mlissna minn dak l-għalliem Musulman fl-1974 dwar Fr. Francis, li ddeskriva lis-Surmast (Fr. Francis) bħala, "qalbu tajba ħafna minkejja li hu Nisrani; donnu wieħed minna, Musulman", baqgħu stampati sewwa fil-moħħ u fil-qalb ta' Fr. Francis. L-imħabba Nisranija tiegħu u s-servizz li kien joffri qanqlu ħeġġa u ammirazzjoni kbira fost is-subjien u l-bniet Musulmani, u iktar minn hekk, fost l-għalliema u l-ġenituri tagħhom ukoll. Iżda Fr. Francis, li kien qed jilmaħ l-id ta' Alla tmexxih lejn ħidma missjunarja qalb dawn in-nies twajba tal-Koran, għamel ħiltu kollha sa mill-bidunett biex japprofondixxi u jkabbar l-għarfien tiegħu dwar din ir-Reliġjon kbira, it-twemmin tagħha u d-drawwiet tagħha. Ried jaqdi lil Kristu dejjem aħjar u bl-ikbar mod effiċjenti qalb dawn in-nies li kienu jagħrfuh biss bħala 'profeta kbir'.

Fl-1990 ġietu okkażjoni tad-deheb. Meta temm is-sitt snin tiegħu bħala Superjur Regolari tal-Kapuċċini fil-Kenja, huwa staqsa lis-suċċessur tiegħu biex tingħatalu sena sabbatika ħalli jkun jista' jistudja l-Islam. Infatti huwa attenda kors sħiħ ta' sena dwar din it-tema fl-Università Pontifiċja f'Ruma, immexxi mill-*Missionaries of Africa*. Imbagħad biex jinkuruna s-suċċess tiegħu, huwa għadda l-aħħar xhur jattendi għal lezzjonijiet ta' l-Għarbi fil-Kajr, biex hekk jirfina l-Għarbi tiegħu. Fl-istess żmien, huwa ngħaqad mal-voluntiera tal-*Caritas Internationalis* li kienu jaħdmu mal-lebbrużi fil-limiti tal-belt kapitali ta' l-Eġittu. Meta fl-1991 reġa' lura fil-Kenja, reġa' stabbilixxa ruħu fi Mpeketoni, fid-Dar tal-Postulanti Kapuċċini fejn ta diversi konferenzi lill-kandidati t'hemmhekk. Fl-istess żmien beda jippubblika fuljett li joħroġ kull xahrejn, bl-isem ta' *Come closer*. L-isem waħdu jispjega t-tir li kellu f'moħħu: ried li dan il-fuljett ikun speċi ta' pont li jressaq lejn xulxin il-Musulmani tajbin kollha u l-Insara ta' rieda tajba. Kien jippubblika studji qosra fuq temi speċifiċi li ssibhom kemm fil-Bibbja kif ukoll fil-Koran; esperjenzi miktuba minn qarrejja, l-iktar studenti ġejjin minn skejjel ta' livell għoli u kulleġġi, kienu jidhru wkoll f'dan il-fuljett biex jixhdu kif nies Musulmani, kif ukoll Insara setgħu jgħixu flimkien fil-paċi u jaħdmu id f'id bħala 'Ulied l-istess Alla'.



*Fr. Francis f'Ruma waqt il-kors fuq l-Islam matul is-Sena Sabbatika tiegħu fl-1990.*




*Kopji tal-fuljett li beda jippubblika fil-Kenja.*

Minbarra din il-pubblikazzjoni, jew forsi minħabba fiha, Fr.Francis kien mistieden biex jagħti konferenzi u jorganizza *seminars* dwar l-Islam u l-Kristjaniżmu, kemm fi djoċesijiet oħra Kenjani, kif ukoll barra l-pajjiż.

Dan kollu, bla dubju ta' xejn, huwa ta' ġid kbir għalih issa li nħatar Isqof ta' Malindi; iżda huwa wkoll għana kbir għall-Konferenza Episkopali Kenjana, għad-djoċesijiet l-oħra tal-Kenja, kif ukoll għal pajjiżi oħra.

# Esperjenza ġdida f'Kuba



Fl-1998 Fr. Francis ħares lil hinn mill-Kenja għal esperjenza missjunarja ġdida. Kien iż-żmien li fih il-Ministru Ġenerali ta' l-Ordni talab lill-Provinċja Kapuċċina Maltija biex tidħol għal ħidma missjunarja barra l-Afrika. Fr. Francis ħass li din kienet sejħa speċjali għalih, anki jekk Alla kien għadu qed isejjaħlu biex jaqdi lill-poplu tiegħu fil-Kenja. Għalhekk, wara li studja l-Ispanjol mal-Kapuċċini tal-Provinċja ta' Kastilja, fi Spanja, huwa ngħaqad mal-missjunarji Kapuċċini ta' dik il-Provinċja u ta sena servizz pastorali fid-Djoċesi ta' Santa Klara fiż-żona li wkoll iġġib l-istess isem, kważi fiċ-ċentru ta' Kuba. Għal Fr. Francis din kienet esperjenza li swietlu ħafna billi seta' jara mill-viċin il-ħidma tal-Knisja fuq in-naħa l-oħra ta' l-Atlantiku u f'ambjent Spanjol-Amerikan.

Wara li għedna dan kollu, nistgħu naraw b'mod ċar kif Alla ħejja tajjeb ħafna lil dan il-qaddej tiegħu għas-sejħa ta' ragħaj tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi. Is-snin twal ta' studju li għamel f'Malta, f'Ruma u f'Ġerusalemm, u iktar tard f'Ruma u fil-Kajr, tawh bażi teoloġika u intellettwali soda ħafna. Flimkien mal-preparazzjoni teoretika, huwa kiseb esperjenzi pastorali kbar kull fejn kien, ibda mill-parroċċa fejn tgħammed: il-parroċċa tat-Trinità Mqaddsa fil-Marsa, bejn l-1971 u l-1974, imbagħad f'Lamu u Mpeketoni, f'Ruiru, f'Garissa u f'Santa Klara, Kuba. Ma' dan wieħed irid iżid is-sitt snin bħala Superjur Regolari, li matulhom għamel diversi kuntatti ta' ġid f'diversi pajjiżi ta' l-Afrika tal-Lvant. Il-kisbiet tiegħu, il-provi u d-diffikultajiet li ħabbat wiċċu magħhom tbierku b'abbundanza u b'varjetà ta' grazzji li rċieva mingħand il-Mulej li issa sejjaħlu biex jaqdi l-poplu tiegħu fid-Djoċesi ta' Malindi.

Jalla l-Mulej ikompli dejjem ixerred kotra ta' grazzji fuq l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Francis Baldacchino, fuq il-qassisin u l-missjunarji u l-lajċi kollha, kif ukoll fuq il-merħla kollha tiegħu fid-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi. ❑

*Fuq: Fr. Francis u Fr. Philip flimkien mat-tfal tal-Parroċċa ta' Santa Ana.*

*Isfel: Waqt il-purċissjoni tal-Milied f'Santa Clara.*





*L-Isqof ta' Santa Clara, Mons. Arturo Gonzales Amador, flimkien ma' (mix-xellug) Fr. Philip Cutajar, Fr. Francis Baldacchino u Fr. Paul Buttigieg.*

# Il-Konsagrazzjoni ta' Mons. Francis Baldacchino f'Malindi

Kien il-jum tas-Sibt, 2 ta' Settembru 2000, meta l-belt ta' Malindi assistiet għal ġrajja mhux tas-soltu. Fid-9.00 ta' filgħodu, mill-knisja parrokkjali (li issa hija l-kattidral), bdiet ħierġa purċissjoni twila, magħmulha minn ħafna nsara



*Fir-ritratti jidhru mumenti mill-purċissjoni.*





kattoliċi, saċerdoti missjunarji u lokali, reliġjużi rġiel u nisa, u missjunarji lajċi, li ġew Malindi għall-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof il-ġdid, Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. Dawn ġew mhux biss minn Malindi iżda minn parroċċi oħrajn tad-Djoċesijiet ta' Mombasa u ta' Garissa. Fost dawk li ħadu sehem kien hemm il-Kardinal Joseph Tomko, President tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, u l-Isqfijiet kważi kollha tal-Kenja, madwar għoxrin wieħed. Il-purċissjoni għaddiet mit-toroq ewlenin ta' Malindi sakemm fl-aħħar spiċċat fil-*grounds* ta' l-iskola primarja, fejn hemmhekk bdiet il-quddiesa tal-Konsagrazzjoni fl-10.15 ta' filgħodu. Din il-manifestazzjoni serviet ta' xhieda tal-preżenza tal-Knisja Kattolika fost l-abitanti ta' Malindi, li wħud minnhom huma Musulmani u oħrajn għadhom pagani.









*Mons. Francis Baldacchino ġie kkonsagrat Isqof mill-E.T. il-Kardinal Joseph Tomko, assistit mill-Arċisqof ta' Mombasa, Mons. John Njenga u mill-Isqof ta' Garissa, Mons. Pawlu Darmanin OFM Cap.: L-Isqfijiet taż-żewġ Djoċesijiet li minnhom ġiet iffurmata d-Djoċesi ta' Malindi.*












Iċ-Ċelebrazzjoni, minkejja li ntemmet għat-3.00 ta' wara nofs inhar, kienet waħda ta' ferħ, mimlija kant, żfin, messaġġi u kuluri. Żgur li ma tintesiex minn dawk kollha li kienu preżenti, insara u mhumiex. ❑





*Fuq: Mons. Francis Baldacchino flimkien mal-missjunarji u l-ħbieb Maltin li kienu preżenti għall-Konsagrazzjoni tiegħu.*
*Isfel: L-għada tal-Konsagrazzjoni tiegħu mexxa l-ewwel Griżma ta' l-Isqof lill-grupp ta' nsara f'Malindi.*



# Mons. Francis Baldacchino f'Malta

Nhar is-Sibt, 14 ta' Ottubru 2000, fuq ir-titjira 886 ta' l-Alitalia wasal Malta Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. l-Isqof il-ġdid ta' Malindi fil-Kenja, flimkien ma' Mons. Pawlu Darmanin OFM.Cap. Isqof ta' Garissa u ma' Fr. Vincent Buhagiar OFM Cap. missjunarju fil-Kenja.

Fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta kien hemm jilqgħuhom bosta mill-Aħwa Kapuċċini, familjari, qraba u ħafna ħbieb tal-missjoni. Kienet laqgħa impressjonanti ferm, b'tislima mill-*Girl Guides* ta' San Ġwann u b'għotjiet ta' bukketti ta' fjuri.



*Mons. Francis Baldacchino mal-wasla tiegħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ġie milqugħ b'ferħ kbir.*

*Flimkien ma' wħud minn dawk li laqgħuh fl-Ajruport fosthom il-Provinċjal P. Crispin Tabone, u Profs. John Rizzo Naudi. Jidher ukoll Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, li wasal Malta miegħu.*







Nhar il-Ħadd, 22 ta' Ottubru 2000, Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. mexxa Quddiesa Pontifikali fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Mqaddsa, fil-Marsa, il-parroċċa fejn twieled, tgħammed u trabba. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu preżenti mistiedna partikulari li jirrappreżentaw l-għola awtoritajiet tal-Knisja kif ukoll ta' l-Istat. Jikkonċelebraw kien hemm l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Darmanin OFM Cap., Isqof ta' Garissa fil-Kenja, Mons. Walter Michael Ebejer O.P., Isqof ta' Uniao de Vitoria, Paranà, fil-Brażil, Br. John Corriveau OFM Cap. Ministru Ġenerali tal-Franġiskani Kapuċċini, il-Provinċjal tal-Franġiskani Kapuċċini, P. Crispin Tabone, Provinċjali oħra, u bosta saċerdoti reliġjużi u djoċesani. Jasisstu għall-Pontifikal kien hemm l-E.T. Mons. Luigi Gatti, Nunzju Appostoliku għall-Malta.







Il-knisja kienet mimlija b'kongregazzjoni, fosthom l-E.T. Prof. Guido Demarco, President ta' Malta, Dr. Eddie Fenech Adami, Prim Ministru ta' Malta flimkien mas-Sinjura tiegħu, l-Onor. Joe Debono Grech f'isem Dr. Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni, is-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-Marsa, Prof. John Rizzo Naudi u s-Sinjura tiegħu, membri parlamentari kif ukoll ħutu, qraba, ħbieb u benefatturi tal-missjoni.



*Mons. Francis Baldacchino fil-laqgħat uffiċċjali li kellu ma' l-Isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex u man-Nunzju Appostoliku għal Malta.*



Il-kant li kien animat mill-kor *Notre Dame* tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni tas-Surmast Clifford Cauchi.









*Mons. Francis Baldacchino f'laqgħa ma' ħutu l-Kapuċċini (fuqnett) u ma' żewġ komunitajiet ta' sorijiet klawstrali: ta' Sant'Ursola, il-Belt, u tal-Klarissi, San Ġiljan.*





*Mons. Francis Baldacchino flimkien ma' Mons. Pawlu Darmanin kellhom laqgħa uffiċjali mal-E.T. Profs. Guido De Marco, President ta' Malta. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru Provinċjali, P. Crispin Tabone, is-segretarju tiegħu, P. Martin Micallef u l-Professur John Rizzo Naudi.*



*Laqgħa oħra uffiċjali kienet mal-Prim Ministru ta' Malta, l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami. Ma' l-istess delegazzjoni ta' fuq kien hemm ukoll is-Sur Eddie Vassallo, li għadda xi żmien bħala voluntier lajk fil-Missjoni tal-Kenja.*



*L-Isqfijiet Kapuċċini Maltin għamlu żjara ta' kortesija lil Dr. Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Anton Cassar.*



*Il-familjari, il-benefatturi u l-ħbieb tal-Missjoni kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' Mons. Francis Baldacchino waqt riċeviment li sar ad unur tiegħu f'The Palms, San Ġiljan. Fir-ritratt jidher is-Sur Charles Arrigo jippreżenta lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Francis Baldacchino lill-mistednin preżenti.*

# L-E.T. il-Kardinal Josef Tomko

## *Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus*

***Siltiet mill-Omelija tiegħu waqt il-Konsagrazzjoni Episkopali***

*2 ta' Settembru, 2000*

Ikun imfaħħar Ġesù Kristu!



Fis-sena 1452, San Franġisk Saverju niżel hawn fl-art ta' Malindi. Huwa offra lil Alla s-sagrifiċju ta' l-Ewkaristija u kkonsagra din l-art lil Ġesù Kristu.

Illum għandi l-grazzja li nikkonsagra bħala l-ewwel Isqof ta' din id-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi lil Mons. Baldacchino, Kapuċċin li għal ħafna snin wettaq l-istess ministeru ta' San Franġisk Saverju. Huwa ser ikun it-tnax-il Isqof fil-Kenja li jien qed nikkonsagra.

Permezz tal-ħidmiet ta' l-Eċċellenzi tagħhom, Mons. John Njenga, Arċisqof ta' Mombasa, u ta' l-Isqof ta' Garissa, Mons. Pawlu Darmanin, fi ftit snin, in-numru ta' Arċidjoċesijiet fil-Kenja tela' għal erbgħa, filwaqt li hawn ħmistax-il Djoċesi.

Mons. Francis Baldacchino ġie biex ixandar l-Aħbar it-Tajba, l-Evanġelju - aħbar ta' ġrajja li, għalkemm ġrat 2000 sena ilu, għadha tagħti tifsira lill-ġeneru uman kollu.

Ġesù ġie kkundannat għall-mewt għax stqarr li huwa l-Iben ta' Alla, dagħwa għal-Lhud ta' żmienu. Huwa l-kelma ta' Alla li, flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu, jgħix għal dejjem f'Alla wieħed fin-natura u tlieta fil-persuni. Elfejn sena ilu "l-Kelma saret bniedem u għammar fostna". Sar l-"Emmanuel", wieħed minna. Bħal San Pawl nistgħu ngħidu: "L-Iben ta' Alla ħabbni u ta lilu nnifsu għalija".

Iżda Ġesù għadu mhux magħruf minn bosta nies minkejja li ordna lid-dixxipli tiegħu u l-Knisja biex iħabbru li s-saltna tas-smewwiet waslet. Għal dan il-għan, għażiż ħija, il-Papa Ġwanni Pawli II bagħtek Malindi biex twassal il-bxara ta' Ġesù Kristu u l-Evanġelju tiegħu, bil-għajnuna tal-poplu ta' Alla li issa ġie afdat f'idejk, l-aktar il-presbiteri, ir-reliġjużi u l-lajċi.

Parir li l-Mulej ta lill-ewwel dixxipli kien li jwasslu s-sliem. Il-Papa preżenti jfakkarna li l-Knisja tipproponi mingħajr ma timponi, tirrispetta l-individwi u l-kulturi. Lil dawk li huma kuntrarju għall-ħidma missjunarja tagħha, il-Knisja tistedinhom: "Iftħu l-bibien għal Kristu!"

Il-Knisja tevanġelizza b'mezzi leġittimi, paċifiċi u mhux vjolenti. Alla huwa Alla tal-paċi, u hija u tgħix l-Evanġelju, il-Knisja tippromwovi l-paċi u l-armonija bejn il-bnedmin. Hija tipproponi d-djalogu bħala metodu ta' evanġelizzazzjoni.

Il-verità kollha dwar Kristu għandha tiġi mxandra - il-liġi universali ta' l-imħabba, tal-maħfra, tal-paċi u l-ġustizzja; ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà, l-iżvilupp u l-promozzjoni sħiħa tal-bniedem. Irridu nitolbu flimkien: "Tiġi Saltnatek"

Biex nagħlaq, għażiż ħija, infakkrek fil-wegħda tal-Mulej Ġesù: "Tibżgħux, għax jien magħkom sa l-aħħar taż żminijiet".

# MESSAGGI

# L-E.T. Mons. Luigi Gatti
## *Isqof Titulari ta' Santa Giusta*
## *Nunzju Appostoliku għal Malta*

*Malta, 2 ta' Settembru 2000*

Għażiż Ħuna fi Kristu,

Aħna, l-Isqfijiet li ninsabu Malta bħalissa, inħossuna magħqudin fl-ispirtu miegħek illum, meta int se tirċievi l-milja tal-Presbiterat ta' Kristu u hekk issir membru tal-Kulleġġ ta' dawk "li jżommu u jgħallmu l-Fidi Kattolika li waslet għandna mill-Appostli" (Rom. Can.).

L-Isqfijiet li jikkonsagrawk u l-Isqfijiet li jieħdu sehem fir-Rit Imqaddes jitolbu fuqek it-tiswib ta' "l-Ispirtu li jaħkem u jmexxi" u jqiegħdu idejhom fuqek.

Aħna wkoll nixtiequ nkunu hemm ukoll. Imma, minkejja li dan ma stajniex nagħmluh, infaħħru lill-Mulej minn hawn għal dan ir-rigal li tak. F'dan, aħna nkunu magħqudin miegħek u ma' dawk kollha li llum qed jitolbu miegħek fil-ferħ. Aħna nwettqu dan minn hawn Malta, l-art imbierka minn San Pawl, fejn twelidt u rċevejt il-fidi, fejn kbirt u lqajt is-sejħa tal-Mulej biex tkun ministru tiegħu fil-familja kbira ta' San Franġisk.



Fl-ispirtu tal-Fqajjar ta' Assisi, int mort bħala missjunarju fl-Afrika, li għażilt b'ġenerożità bħala pajjiżek il-ġdid.

Issa, il-Qdusija Tiegħu l-Papa qed jafdalek Djoċesi Afrikana ġdida, li inti tħobb bħala Ragħaj għaqli, xandar tal-Evanġelju ta' Kristu, xhud u għassies tal-fidi, sinjal u strument ta' għaqda mal-Knisja kollha, missier ġeneruż u ħanin ta' kulħadd. Dawn huma espressjonijiet li jinsabu fir-Rit ta' l-Ordinazzjoni, u huma impenji ta' kull Isqof. Huma mpenji li int se tibda twettaq solennement millum.

Ċerti li int tkun mgħejjun mill-grazzja tal-Mulej, u mit-talb tal-Verġni Marija u ta' San Franġisk, kif ukoll b'talb u solidarjetà tal-Knisja Universali.

Minn Malta, art ġeneruża u missjunarja, din l-għajnuna tkunlek speċjali u bla taqta'. Il-Knisja f'Malta titlob li jkollok is-saħħa, il-qawwa u d-dehen li xxandar il-kelma, issus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu, iċċanfar, twiddeb u twissi bla heda, bis-sabar kollu u t-tagħlim (ara 2 Tim 4, 2).

Dawn huma x-xewqat sbieħ tagħna li rridu nibagħtulek.

Tislima ta' l-Aħwa lill-Isqfijiet kollha li hemm.

Il-paċi miegħek!

B'tgħanniqa mill-qalb fi Kristu:

+ Luigi Gatti, Isqof Titulari ta' Santa Giusta, Nunzju Appostoliku f'Malta
+ Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
+ Emmanuel Gerada, Isqof Titulari ta' Nomento, Nunzju Appostoliku
+ Paul Giglio, Isqof Titulari ta' Tindari, Nunzju Appostoliku fl-Eġittu
+ Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex
+ Annetto Depasquale, Isqof Titulari ta' Ard, Isqof Awżiljarju ta' l-Arċisqof ta' Malta.

MESSAGG

# P. Crispin Tabone OFMCap.
## *Ministru Provinċjali*

*22 ta' Awwissu 2000*



Eċċellenza,

Nifirħulek!

Fil-Provinċja tagħna kulħadd feraħ u ħassu kburi hekk kif tħabbret in-nomina tiegħek bħala l-ewwel Isqof ta' Malindi. Dan inħass ukoll f'Ruma fejn mort għat-82 Kapitlu Ġenerali tal-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini. Il-Kapitulari kollha fraħna li wieħed minn Ħuna ġie mgħolli għal-dinjità għolja ta' l-Episkopat. Ħafna kienu l-messaġġi ta' ferħ li rċevejna minn għand Isqfijiet, Kleru, Reliġjużi u Lajċi minn Malta u minn barra.

Aħna nifirħu miegħek għal dan kollu. Inħossuna xxurtjati li issa għandna tnejn minn Ħutna, Mons Paul Darmanin, bħala Isqof ta' Garissa u lilek bħala Isqof ta' Malindi.

Id-Djoċesi ta' Garissa kienet l-ewwel post fejn inti u grupp ta' missjunarji oħra Franġiskani Kapuċċini mortu għall-ewwel darba fl-4 ta' Jannar 1974. Għadni niftakar meta fi triqtkom lejn il-Kenja għaddejtu taraw lilna, il-Kapuċċini Maltin f'Addis Abeba.

Minn dak iż-żmien, inti u Ħutna Kenjani u Maltin, ħdimtu biex ixxettlu l-Knisja u l-Ordni f'din il-parti ta' l-għalqa tal-Mulej. Tant hu hekk li mid-Djoċesi originali ta' Garissa issa nħasset il-ħtiega li toħroġ Djoċesi oħra. Malindi, li saret is-sede tad-Djoċesi tiegħek u li minnha ħadet isimha, ġiet miżjuda mill-Arċidjoċesi ta' Mombasa biex issa tkun magħrufa bħala d-Djoċesi ta' Malindi.

Kien jixraq ukoll li inti tkun l-ewwel Isqof ta' Malindi. Inti ħdimt u bnejt ħafna mill-knejjes f'din iz-zona, speċjalment ġo Lamu u Mpeketoni, u ħloqt u organizzajt ħidma pastorali soda u attiva għal ħafna snin. Inti għandek ukoll l-esperjenza tal-ħajja twila li għext f'din in-naħa, kif ukoll ħeġġa qawwija, għerf u għarfien ta' ħafna ilsna u kariżma spiritwali. Billi inti kont kemm Superjur Regulari tal-Franġiskani Kapuċċcini kif ukoll Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa, tkun tista' tkabbar is solidarjetà spiritwali, materjali u pastorali ta' Ħutna fil-Viċi Provinċja tal-Kenja u fil-Provinċja ta' Malta.

F'isem l-Aħwa kollha tal-Provinċja ta' Malta, nixtieqlek il-ferħ kollu tal-milja ta' l-Ispirtu s-Santu li ser tirċievi fl-Ordinazzjoni Episkopali nhar it-2 ta' Settembru ta' din is-Sena tal-Ġublew il-Kbir 2000 ġewwa Malindi.

Ħuna Joe Alessandro, Vigarju Provinċjali, u Ħuna Leonard Falzon ser jiġu jirrappreżentawna lkoll għal din l-okkażjoni.

Nitlob il-Barka Pastorali tiegħek.

P. Crispin Tabone OFM Cap.
Ministru Provinċjali

# L-E.T. Mons. Pawlu Darmanin

## *Isqof ta' Garissa - Kenja*

*2 ta' Novembru 2000*

It-twaqqif tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi jkompli jsaħħaħ il-Knisja Kattolika fil-Kenja. Għall-grazzja ta' Alla, il-ħidma ta' tant missjunarji u saċerdoti lokali qiegħda tħalli l-frott mixtieq, li iżjed bnedmin jagħrfu lil Kristu bħala Alla u s-Salvatur tagħhom.



Għad-Djoċesi ta' Garissa, it-twaqqif tad-Djoċesi l-ġdida huwa mument importanti ħafna fil-ħajja tagħha. Wara sitta u għoxrin sena ta' ħidma missjunarja, inħass il-bżonn li d-Djoċesi ta' Garissa tinqasam u minnha toħroġ djoċesi oħra. Kien bżonn pastorali biex ikunu jistgħu jissaħħu l-parroċċi li issa jistgħu jintleħqu iżjed u aħjar. Dan għandu jgħin ukoll lid-Djoċesi ta' Garissa biex tiġi msaħħa l-attività u l-ħidma missjunarja fit-territorju mhux faċli tan-*North East* tal-Kenja.

Minn qalbi nixtieq nifraħ lill-Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. li lilu ġiet afdata t-tmexxija tad-Djoċesi ta' Malindi. Ċert li għandu l-esperjenza u l-kapaċità meħtieġa biex ikompli jsaħħaħ il-Knisja fid-Djoċesi l-ġdida u jagħtiha direzzjoni tajba sakemm ġurnata tkun tista' tgħaddi bi tmexxija lokali.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja ħafna lill-missjunarji kollha li ħadmu fid-Djoċesi ta' Garissa, kif ukoll lill-benefatturi li għenuna biex id-Djoċesi setgħet tikber u tagħti l-frott li twelled djoċesi oħra.

Nawgura lil Mons. Francis Baldacchino OFM Cap. u d-Djoċesi ta' Malindi kull barka mis-Sema; li Kristu jkun magħruf dejjem iżjed, li jkollhom paċi u progress fil-ħajja tagħhom!

Awguri.

Mons. Pawlu Darmanin OFMCap.
Isqof ta' Garissa - Kenja

# Bro. John

## *Ministru Ġenerali OFMCap*

*Siltiet mill-messaġġ tiegħu waqt il-Pontifikal fil-Marsa*

*2 ta' Settembru, 2000*

Il-ħatra ta' Ħuna Mons. Francis Baldacchino bħala Isqof hija ta' ġieħ kbir lill-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini, u ta' ferħ liema bħalu għad-Djoċesi ta' Malindi.

Huwa serva għal bosta snin bħala Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa. Studja l-Kotba Mqaddsa, u wara li wasal il-Kenja studja l-Islam biex ikun jista' jaqdi aħjar il-ħidma pastorali tiegħu ukoll f'ambjent Musulman.

Għaldaqstant, il-ħatra tiegħu hija għarfien tad-dedikazzjoni tiegħu lejn l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu, u jien ċert li d-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi ser tirċievi Isqof eċċellenti.

Hija okkażjoni wkoll li nifirħu lill-Isqof Pawlu Darmanin għaliex, għalkemm id-Djoċesi ta' Garissa hija relattivament ġdida, f'dawn l-aħħar sittax-il sena twettqet ħidma sfiqa, li hija turija tad-dedikazzjoni ta' Mons. Darmanin. Filwaqt li rrod ħajr lill-Isqof Pawlu, nixtieq nirringrazzja lill-ħafna mill-Aħwa Kapuċċini missju-

MESSAGGI

# Corriveau



narji Maltin, flimkien mar-reliġjużi nisa, lajċi u benefatturi, li għenu biex tikber u tissaħħaħ il-Knisja fid-Djoċesi ta' Garissa.

Hawn nixtieq irrod ħajr lill-missjunarji Kappuċċini Maltin kollha għall-ħeġġa missjunarja li wrew minn dejjem u kullimkien: Indja, Kolombja, Etjopja, Kenja, Turkija, Kanada, Awstralja u Kuba.

F'isem l-Ordni kollu nixtieq nuri l-apprezzament għas-sagrifiċċji u l-ħidmiet kollha li saru mill-Aħwa tal-Provinċja Maltija.

Ma rridx inħalli barra l-fatt li l-Provinċja Kapuċċina ta' Malta, barra miż-żewġ Djoċesijiet li waqqfet fil Kenja, irnexxiela wkoll ixxettel l-Ordni Kapuċċin billi diġà għanda diversi vokazzjonijiet għall-ħajja Kapuċċina minn fost iż-żgħażagħ Kenjani stess.

Il-Mulej ikompli jbierek l-opra li beda!

# L-E.T. Mons. Arturo G. Amador
## *Isqof ta' Santa Clara - Kuba*

*8 ta' Ottubru, 2000*

Eċċellenza,

F'dan il-mument aħna qed nibagħtu l-awguri u t-tislijiet tagħna lill-Isqof il-ġdid Kapuċċin Malti Mons. Francis Baldacchino.

Ilkoll kemm aħna ngħożżu t-tifkiriet sbieħ tas-sena li għaddejt magħna fid-Djoċesi ta' Santa Clara, f'Kuba, bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Ana.

F'dan il-mument miegħek nifirħu u miegħek infaħħru lil Alla li għoġbu jagħżlek għal dan il-ministeru ġdid fil-Knisja tiegħu u fost il-poplu tiegħu.

Ma' dawn l-awguri tagħna nassigurawk mit-talb kontinwu tagħna ħalli l-Mulej ikompli jżejnek bid-doni kollha meħtieġa għall-ministru afdat lilek. Il-ġid li għamilt magħna u fostna ma ninsewh qatt. Tibqa' f'qalbna u fil-ħsibijiet tagħna.

Jekk ikollok xi opportunità li tkun in-naħa tagħna, ejja żurna. Napprezzaw ferm żjara min-naħa tiegħek.

Mons. Arturo Gonzalez Amador,
*Isqof ta' Santa Clara, Kuba*

Fr. Philip Cutajar
*Franġiskan Kapuċċin Malti, missjunarju f'Kuba*

L-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Spanjoli,
*missjunarji f'Kuba*

Dun Pawl Buttiġieġ
*Saċerdot Malti, missjunarju f'Kuba*

Il-kleru Djoċesan u Regulari tad-Djoċesi ta' Santa Clara, Kuba

Il-Parruċċani tal-Parroċċa Santa Ana

Il-Parruċċani tal-Parroċċa "Marija Omm Ir-Ragħaj Divin"



MESSAGGI



# *Il-Linja Episkopali ta' Mons. Francis Baldacchino OFMCap.*
# *L-Ewwel Isqof ta' Malindi*

✠ **FRANCIS BALDACCHINO, O.F.M.Cap.**, l-ewwel Isqof ta' Malindi. Ikkonsagrat fit-2 ta' Settembru 2000 f'Malindi mill-Kardinal Jozef Tomko, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Evangelizzazzjoni tal-Ġnus, assistit minn Pawlu Darmanin, O.F.M.Cap., Isqof ta' Garissa, u John Njenga, Arċisqof ta' Mombasa.

✠ **JOZEF TOMKO**, Arċisqof Titulari ta' Doclea u Segretarju Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Ikkonsagrat fil-15 ta' Settembru 1979 fil-Kappella Sistina, Belt tal-Vatikan, mill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

✠ **KAROL WOJTYLA**, il-futur Papa Ġwanni Pawlu II, Isqof Titulari ta' Ombi u Isqof Awsiljarju ta' Kraków. Ikkonsagrat fit-28 ta' Settembru 1958 fil-Kattidral Metropolitan ta' Kraków, minn Eugeniusz Baziak, Arċisqof ta' Lwów tal-Latini u Amministratur Appostoliku ta' Kraków.

✠ **EUGENIUSZ BAZIAK**, Isqof Titulari ta' Phoncea u Isqof Awsiljarju ta' Lwów tal-Latini. Ikkonsagrat fil-5 ta' Novembru 1933 fil-Kattidral Metropolita ta' Lwów, minn Boleslaw Twardowski, Arċisqof ta' Lwów tal-Latini.

✠ **BOLESLAW TWARDOWSKI**, Isqof Titulari ta' Telmissus u Awsiljarju ta' Lwów tal-Latini. Ikkonsagrat fit-12 ta' Jannar 1919 fil-Kattidral ta' Lwów, minn Jozef Bilczewski, Arċisqof ta' Lwów tal-Latini.

✠ **JOZEF BILCZEWSKI**, Arċisqof ta' Lwów tal-Latini. Ikkonsagrat fit-12 ta' Jannar 1901 fil-Kattidral Metropolita ta' Lwów, minn Jan Maurycy Pawel Puzyna de Kozielsko, Isqof ta' Kraków.

✠ **JAN MAURYCY PAWEL PUZYNA de KOZIELSKO**, Isqof Titulari ta' Memphis u Isqof Awsiljarju ta' Lwów tal-Latini. Ikkonsagrat fil-25 ta' Marzu 1886 fil-Knisja ta' San Giovanni Canzio, Ruma, mill-Kardinal Mieczyslaw Ledochowski.

✠ **MIECZYSLAW LEDOCHOWSKI**, Arċisqof Titulari ta' Thebes u Nunzju Appostoliku tal-Belgium. Ikkonsagrat fit-3 ta' Novembru 1861 fil-Knisja tas-Santissima Trinità f'Montecitorio, Ruma, mill-Kardinal Camillo di Pietro.

✠ **CAMILLO di PIETRO**, Arċisqof Titulari ta' Bairut. Ikkonsagrat fl-14 ta' Lulju 1839 fil-Knisja ta' S. Duminku u S. Sistu, Ruma, mill-Kardinal Chiarissimo Falconieri Mellini, Arċisqof ta' Ravenna.

✠ **CHIARISSIMO FALCONIERI MELLINI**, Arċisqof ta' Ravenna. Ikkonsagrat fil-15 ta' Awissu 1826 fil-Knisja ta' Santa Maria degli Angeli, Ruma, mill-Q.T. il-Papa Ljun XII.

✠ **ANNIBALE SERMATTEI DELLA GENGA**, il-futur Papa Ljun XII, Arċisqof Titulari ta' Tyr. Ikkonsagrat fl-24 ta' Frar 1794 fil-Kattidral ta' Frascati, mill-Kardinal Henry Stuart, Duka ta' York, Isqof ta' Frascati.

✠ **HENRY STUART**, Duka ta' York, Kardinal, Arċisqof Titulari ta' Korintu. Ikkonsagrat fid-19 ta' Novembru 1758 fil-Bażilka tat-Tnax-il Appostlu, Ruma, mill-Q.T. il-Papa Klement XIII.

*Tagħrif miġbur minn:*
*Charles N. Bransom, Jr.*
*P. O. Box 1071*
*Mango, Florida 33550-1071*

*Telephone: 813-654-0163 Fax: 813-681-1807*
*Charles N. Bransom, Jr*
*cbransom@gte.net*
*http://home1.gte.net/cbransom/index.htm*

✠ **CARLO REZZONICO**, Kardinal, Isqof ta' Padova, il-futur Papa Klement XIII. Ikkonsagrat fid-19 ta' Marzu 1743 fil-Bażilka tat-Tnax-il Appostlu, Ruma, mill-Q.T. il-Papa Benedittu XIV.

✠ **PROSPERO LAMBERTINI**, Arċisqof Titulari ta' Theodosia, il-futur Papa Benedittu XIV. Ikkonsagrat fis-16 ta' Lulju 1724 fil-Kappella Pawlina tal-Palazz Appostoliku tal-Quirinale, Ruma, mill-Q.T. il-Papa Benedittu XIII.

✠ **VINCENZO MARIA ORSINI, O.P.**, Kardinal, Arċisqof ta' Manfredonia, il-futur Papa Benedittu XIII. Ikkonsagrat fit-3 ta' Frar 1675 fil-Knisja ta' S. Duminku u S. Sistu, Ruma, mill-Kardinal Paluzzo (Paluzzo degli Albertoni) Altieri, Prefett tas-Sacra Kongregazzjoni tal-Propaganda Fide.

✠ **PALUZZO (PALUZZI degli ALBERTONI) ALTIERI**, Kardinal, Isqof ta' Montefiascone u Corneto. Ikkonsagrat fit-2 ta' Mejju 1666 fil-Knisja ta' San Silvestro in Capite, Ruma, mill-Kardinal Ulderico Carpegna.

✠ **ULDERICO CARPEGNA**, Isqof ta' Gubbio. Ikkonsagrat fis-7 ta' Ottubru 1630 fil-Kappella Pawlina tal-Palazz Appostoliku tal-Quirinale, Ruma, mill-Kardinal Luigi Caetani.

✠ **LUIGI CAETANI**, Patriarka Titulari ta' Antjokja. Ikkonsagrat fit-12 ta' Ġunju 1622 fil-Bażilka ta' Santa Maria Maggiore, Ruma, mill-Kardinal Lodovico Ludovisi, Arċisqof ta' Bologna.

✠ **LODOVICO LUDOVISI**, Kardinal, Arċisqof ta' Bologna. Ikkonsagrat fit-2 ta' Mejju 1621 fil-kappella privata tal-konsagrat tiegħu, ħdejn il-Bażilka ta' San Pietru, Ruma, minn Galeazzo Sanvitale, Arċisqof Emeritu ta' Bari u Prefett tal-Palazz Appostoliku.

✠ **GALEAZZO SANVITALE**, Arċisqof ta' Bari. Ikkonsagrat fl-4 ta' April 1604 fil-kappella tas-Sagrestija Appostolika, Ruma, mill-Kardinal Girolamo Bernerio, O.P., Isqof ta' Albano.

✠ **GIROLAMO BERNERIO, O.P.**, Isqof ta' Ascoli Piceno. Ikkonsagrat fis-7 ta' Settembru 1586 fil-Bażilka tat-Tnax-il Appostli Mqaddsa, Ruma, mill-Kardinal Giulio Antonio Santoro.

✠ **GIULIO ANTONIO SANTORO**, Arċisqof ta' Santa Severina. Ikkonsagrat fit-12 ta' Marzu 1566 fil-Kappella Pawlina tal-Palazz Appostoliku tal-Vatican, mill-Kardinal Scipione Rebiba, Patrijarka Titulari ta' Konstantinopli.

✠ **SCIPIONE REBIBA**, Isqof Titulari ta' Amicle Isqof Awsiljarju ta' Chieti. Elett Isqof Titulari ta' Amicle u Awsiljaru tal-Kardinal Gian Pietro Carafa, Arċiqof ta' Chieti, fis-16 ta' Marzu 1541.

**BIBLIOGRAFIJA**

Nagy, Ferenc, S.J. Ascendens Consecratorum Series Collegii Quod Nunc Est Episcoporum Catholicorum. Hamilton, Ontario. 1982.

"La Comune Genealogia Episcopale di Quasi Tutti gli Ultimi Papi (1700-1978)". Archivum Historiae Pontificiae. 17. Roma. 1979.

*Hajr lil*
*Bro. John Cassar OFM Cap*
*li għaddielna dan it-tagħrif*
*minn Garissa permezz*
*ta' l-E-Mail*





# L-Isbaħ xewqat għall-Milied it-Tajjeb u għas-Sena l-Ġdida

*Fil-Festi tal-Milied, filwaqt li nifirħu, ejjew inferrħu lil Ħutna l-Insara u Kenjani billi nagħtuhom aktar vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali.*



## Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' BORŻA TA' STUDJU

BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi tagħna kollha. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil**
**Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 233874 / 234949 / 225525**

## Ġedded l-Abbonament tiegħek fid-

*Ibgħat Lm 4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek f'dan l-indirizz:*
*L-Editur Dawl Franġiskan*
*Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana*

DAWL FRANĠISKAN